Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

18 ta' Diċembru 2025*

Werrej

Il-kuntest ġuridiku 4

Id-dritt tal-Unjoni 4

L-Att ta' Adeżjoni 4

It-Trattat UE 5

It-Trattat FUE 6

Il-Karta 7

Id-Dikjarazzjoni Nru 17 dwar il-primat [is-supremazija] 7

Id-dritt Pollakk 8

Il-Kostituzzjoni Pollakka 8

Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) 10

Il-fatti li wasslu għall-kawża 14

Il-proċeduri dwar il-ħatriet ta' tliet imħallfin u tal-President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) 14

Il-proċedura dwar il-ħatra ta' tliet imħallfin tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fix-xahar ta' Diċembru 2015 14

Il-proċedura dwar il-ħatra tal-President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) 17

Is-sentenzi tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) tal-14 ta' Lulju 2021 u tas-7 ta' Ottubru 2021 17

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

Is-sentenza tal-14 ta' Lulju 2021 . . . 17

Is-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021 . . . 18

Il-proċedura prekontenzjuża . . . 19

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja . . . 20

Fuq ir-rikors . . . 20

Fuq l-ewwel ilment . . . 21

L-argumenti tal-partijiet . . . 21

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja . . . 23

– Fuq l-ewwel parti tal-ewwel ilment . . . 24

– Fuq it-tieni parti tal-ewwel ilment . . . 29

Fuq it-tieni lment . . . 31

L-argumenti tal-partijiet . . . 31

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja . . . 35

– Fuq in-nuqqas allegat tal-prinċipji ta' awtonomija, ta' supremazija, ta' effettività u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni . . . 35

– Fuq in-nuqqas allegat tal-prinċipju ta' effett vinkolanti tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja . . . 41

Fuq it-tielet ilment . . . 46

L-argumenti tal-partijiet . . . 46

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja . . . 50

– Fuq l-ewwel parti tat-tielet ilment . . . 50

– Fuq it-tieni parti tat-tielet ilment . . . 54

Fuq l-ispejjeż . . . 57

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Artikolu 2 TUE – Artikolu 4(3) TUE – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Stat tad-dritt – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni – Prinċipji ta' awtonomija, ta' supremazija, ta' effettività u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni – Prinċipju ta' effett vinkolanti tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja – Sentenzi tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Polonja) – Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja u miżuri provviżorji skont l-Artikolu 279 TFUE dwar it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19 TUE – Ċaħda mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) ta' dawn is-sentenzi u ta' dawn il-miżuri provviżorji bħala *ultra vires* –

Identità kostituzzjonali nazzjonali – Projbizzjoni magħmula mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fuq il-korpi kollha tal-awtoritajiet pubbliċi milli japplikaw l-Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Rekwiżit ta' qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi – Kompożizzjoni irregolari tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)"

Fil-Kawża C-448/23,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, ippreżentat fis-17 ta' Lulju 2023,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn K. Herrmann, C. Ladenburger u P. J. O. Van Nuffel, bħala aġenti,

rikorrenti,

sostnuta minn:

Ir-Renju tal-Belġju, irrappreżentat inizjalment minn M. Jacobs, C. Pochet, L. Van den Broeck u M. Van Regemorter, bħala aġenti, sussegwentement minn M. Jacobs, C. Pochet u M. Van Regemorter, bħala aġenti,

Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, irrappreżentat minn M. K. Bulterman, J. M. Hoogveld u C. S. Schillemans, bħala aġenti,

intervenjenti,

vs

Ir-Repubblika tal-Polonja, irrappreżentata inizjalment minn B. Majczyna u S. Żyrek, bħala aġenti, sussegwentement minn M.°B. Majczyna, bħala aġent,

konvenuta,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, T. von Danwitz (Relatur), Viċi President, F. Biltgen, I. Jarukaitis, M. L. Arastey Sahún, I. Ziemele, J. Passer, O. Spineanu-Matei, M. Condinanzi u F. Schalin, Presidenti ta' Awla, A. Kumin, N. Jääskinen, D. Gratsias, Z. Csehi u B. Smulders, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: D. Spielmann,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tikkonstata, li fid-dawl tal-interpretazzjoni tal-Konstytucja Rzeczypospolitej Polskiej (il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja, iktar 'il quddiem il-"Kostituzzjoni Pollakka") mogħtija mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Polonja) fis-sentenzi tagħha tal-14 ta' Lulju 2021 (Kawża P 7/20) u tas-7 ta' Ottubru 2021 (Kawża K 3/21), ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE;

– tikkonstata, li fid-dawl tal-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni Pollakka mogħtija mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fis-sentenzi tagħha tal-14 ta' Lulju 2021 (Kawża P 7/20) u tas-7 ta' Ottubru 2021 (Kawża K 3/21), ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt il-prinċipji ġenerali ta' awtonomija, ta' supremazija, ta' effettività u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll taħt il-prinċipju ta' effett vinkolanti tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja;

– tikkonstata, li peress li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi, minħabba ta' irregolaritajiet fil-proċeduri għall-ħatra ta' tlieta mill-membri tagħha fix-xahar ta' Diċembru 2015 u tal-Presidenta tagħha fix-xahar ta' Diċembru 2016, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE; u

– tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

L-Att ta' Adeżjoni

2 L-Artikolu 2 tal-Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU 2003, L 236, p. 33, iktar 'il quddiem l-"Att ta' Adeżjoni") jiddisponi:

"Mid-data ta' l-adeżjoni, id-disposizzjonjiet tat-Trattati oriġinali u l-atti adottati mill-istituzzjonijiet u l-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-adeżjoni għandhom jorbtu l-Istati Membri l-ġodda u għandhom japplikaw f'dawk l-Istati Membri bil-kondizzjonijiet kif imniżżla f'dawk it-Trattati u f'dan l-Att."

3 L-Artikolu 10 tal-Att ta' Adeżjoni huwa fformulat kif ġej:

"L-applikazzjoni tat-Trattati oriġinali u ta' l-atti adottati mill-istituzzjonijiet għandha, bħala miżura transitorja, tkun soġġetta għad-derogi kif provdut f'dan l-Att."

It-Trattat UE

4 Skont l-ewwel u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 TUE:

"Permezz ta' dan it-Trattat, Il-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA qegħdin jistabbilixxu bejniethom l-UNJONI EWROPEA, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa 'l-Unjoni' li lilha l-Istati Membri jagħtu kompetenzi sabiex jiksbu għanijiet li għandhom komuni bejniethom.

Dan it-Trattat huwa pass ġdid lejn il-ħolqien ta' għaqda dejjem iżjed ravviċinata fost il-popli ta' l-Ewropa, li fiha d-deċiżjonijiet jittieħdu kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadin."

5 L-Artikolu 2 TUE jaqra kif ġej:

"L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel."

6 L-Artikolu 4 TUE jistabbilixxi:

"1. Skond l-Artikolu 5, il-kompetenzi kollha li m'humiex mogħtija mit-Trattati lill-Unjoni jibqgħu għand l-Istati Membri.

2. L-Unjoni għandha tirrispetta l-ugwaljanza ta' l-Istati Membri quddiem it-Trattati kif ukoll l-identità nazzjonali tagħhom, inerenti fl-istrutturi politiċi u kostituzzjonali, fundamentali tagħhom, inkluża l-awtonomija lokali u reġjonali. Hija għandha tirrispetta l-funzjonijiet Statali essenzjali tagħhom, inkluż dawk li jassiguraw l-integrità territorjali ta' l-Istat, iż-żamma ta' l-ordni pubbliku u l-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali. B'mod partikolari, is-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru.

3. Skond il-prinċipju tal-koperazzjoni leali, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, f'rispett reċiproku sħiħ, jgħinu lil xulxin fit-twettiq tal-kompiti li joħorġu mit-Trattati.

L-Istati Membri għandhom jieħdu kull miżura ġenerali jew partikolari xierqa sabiex jassiguraw li l-obbligi li joħorġu mit-Trattati jew li jirriżultaw mill-atti ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni jitwettqu.

L-Istati Membri għandhom jgħinu lill-Unjoni sabiex twettaq il-kompiti tagħha u joqogħdu lura minn kwalunkwe miżura li tista' tqiegħed f' periklu l-kisba ta' l-objettivi ta' l-Unjoni."

7 L-Artikolu 5(1) u (2) TUE jipprevedi:

"1. Il-limiti tal-kompetenzi ta' l-Unjoni huma regolati mill-prinċipju ta' l-għoti tal-kompetenzi. L-eżerċizzju ta' dawn il-kompetenzi huwa regolat mill-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

2. Skond il-prinċipju ta' l-għoti tal-kompetenzi, l-Unjoni għandha taġixxi biss fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilha mill-Istati Membri fit-Trattati sabiex twettaq l-objettivi stabbiliti minn dawn it-Trattati. Il-kompetenzi kollha li ma jingħatawx lill-Unjoni fit-Trattati jibqgħu għand l-Istati Membri."

8 L-Artikolu 13(2) TUE huwa fformulat kif ġej:

"Kull Istituzzjoni għandha taġixxi fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilha mit-Trattati, u skond il-proċeduri, il-kondizzjonijiet u l-finijiet previsti minnhom. L-istituzzjonijiet għandhom jipprattikaw bejniethom il-koperazzjoni leali."

9 L-Artikolu 19(1) TUE jiddisponi:

"Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha tinkludi l-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali u l-qrati speċjalizzati. Hija għandha tara li d-dritt ikun rispettat fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tat-Trattati.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu r-rimedji meħtieġa sabiex jassiguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt ta' l-Unjoni."

10 L-Artikolu 49 TUE jipprevedi:

"Kull Stat Ewropew li jirrispetta l-valuri msemmija fl-Artikolu 2 u jimpenja ruħu sabiex jippromwovihom jista' japplika sabiex jsir membru ta' l-Unjoni. Il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali għandhom ikunu informati b'din l-applikazzjoni. L-Istat applikant għandu jindirizza l-applikazzjoni tiegħu lill-Kunsill li għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Kummissjoni u wara li jirċievi l-approvazzjoni mill-Parlament Ewropew, li għandu jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu. Għandu jittieħed kont tal-kriterji ta' eliġibbiltà miftiehma mill-Kunsill Ewropew.

Il-kondizzjonijiet tad-dħul u l-tibdil li jkollu jsir fit-Trattati li fuqhom hija mibnija l-Unjoni, minħabba f'dan id-dħul għandhom ikunu miftiehma bejn l-Istati Membri u l-Istat applikant. Dan il-ftehim għandu jiġi ppreżentat għar-ratifika mill-Istati Kontraenti kollha skond il-ħtiġijiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom."

It-Trattat FUE

11 Skont l-Artikolu 267 TFUE:

"Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha jkollha l-kompetenza li tagħti sentenzi preliminari dwar:

a) l-interpretazzjoni tat-Trattati;

b) il-validità u l-interpretazzjoni ta' l-atti ta' l-istituzzjonijiet, korpi jew organi ta' l-Unjoni;

Meta l-kwistjoni titqajjem quddiem xi qorti jew tribunal ta' xi Stat Membru, dik il-Qorti jew tribunal jistgħu, jekk ikun jidhrilhom li deċiżjoni fuq dik il-kwistjoni tkun meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jagħtu s-sentenza, jitolbu lill-Qorti sabiex tagħti deċiżjoni dwarha.

Meta l-kwistjoni titqajjem f'każ pendenti quddiem xi qorti jew tribunal ta' Stat Membru li kontra id-deċiżjonijiet tiegħu ma jkun hemm ebda rimedju ġudizzjarju taħt il-liġi nazzjonali, dik il-qorti jew dak it-tribunal, għandhom jirriferu l-kwistjoni lill-Qorti.

[…]"

12 L-Artikolu 279 TFUE jipprevedi:

"Fil-kawżi miġjuba quddiemha, il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea tista' tordna kull miżura provviżorja."

Il-Karta

13 It-Titolu VI tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem, il-"Karta"), intitolat "Ġustizzja", jinkludi b'mod partikolari l-Artikolu 47, intitolat "Id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali", li huwa fformulat kif ġej:

"Kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha garantiti mil-liġi ta' l-Unjoni jiġu vjolati għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Kull persuna għandha d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi. […]

[…]"

14 L-Artikolu 52(1) u (3) tal-Karta jipprevedi:

"1. Kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

[…]

3. Safejn din il-Karta fiha drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, it-tifsira u l-ambitu ta' dawk id-drittijiet għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti mill-Konvenzjoni msemmija. Din id-dispożizzjoni ma żżommx lil-liġi ta' l-Unjoni milli jipprevedi protezzjoni aktar estensiva."

Id-Dikjarazzjoni Nru 17 dwar il-primat [is-supremazija]

15 Id-Dikjarazzjoni Nru 17 dwar il-primat [is-supremazija], annessa mal-att finali tal-konferenza intergovernattiva li adottat it-Trattat ta' Lisbona (ĠU 2012, C 326, p. 346), hija fformulata kif ġej:

"Il-Konferenza tfakkar li, skond każistika stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, it-Trattati u l-liġijiet adottati mill-Unjoni abbażi tat-Trattati għandhom il-primat fuq il-liġi ta' l-Istati Membri, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti bil-każistika msemmija.

Barra minn hekk, il-Konferenza ddeċidiet li tehmeż ma' dan l-Att Finali bħala anness, l-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill dwar il-primat kif tidher fid-dokument 11197/07 (JUR 260):

'Opinjoni tas-Servizzi Legali tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2007:

Jirriżulta mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-primat tal-liġi tal-KE huwa prinċipju fundamentali tal-liġi Komunitarja. Skond il-Qorti, dan il-prinċipju huwa inerenti għan-natura speċifika tal-Komunità Ewropea. Fiż-żmien ta' l-ewwel sentenza ta' din il-każistika stabbilita ([sentenza tal-15 ta' Lulju 1964, Costa (6/64, EU:C:1964:66)]) il-primat ma kienx jissemma fit-trattat. L-istess għadu llum. Il-fatt li l-prinċipju tal-primat ma jkunx inkluż fit-Trattat futur bl-ebda mod mhu ser ibiddel l-eżistenza tal-prinċipju jew il-każistika eżistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja.'"

Id-dritt Pollakk

Il-Kostituzzjoni Pollakka

16 L-Artikolu 2 tal-Kostituzzjoni Pollakka jistabbilixxi:

"Ir-Repubblika tal-Polonja hija Stat tad-dritt demokratiku, li jwettaq il-prinċipji tal-ġustizzja soċjali."

17 L-Artikolu 4(1) ta' din il-kostituzzjoni jiddisponi:

"Fir-Repubblika tal-Polonja, is-setgħa suprema tappartjeni lin-Nazzjon."

18 L-Artikolu 7 tal-imsemmija kostituzzjoni jipprevedi li "[l]-awtoritajiet pubbliċi għandhom jaġixxu bis-saħħa ta' u fil-limiti tad-dritt".

19 Skont l-Artikolu 8(1) tal-Kostituzzjoni Pollakka, "[i]l-Kostituzzjoni hija r-regola suprema tar-Repubblika tal-Polonja".

20 L-Artikolu 90(1) tal-istess kostituzzjoni jiddisponi li, "[i]r-Repubblika tal-Polonja tista' tittrasferixxi, bis-saħħa ta' trattat, lil organizzazzjoni internazzjonali jew lil organu internazzjonali, il-kompetenzi tal-awtoritajiet pubbliċi fuq ċerti kwistjonijiet".

21 L-Artikolu 91(1) u (2) tal-Kostituzzjoni Pollakka jaqra kif ġej:

"1. Wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal tal-Liġijiet tar-Repubblika tal-Polonja, trattat irratifikat jifforma parti integrali mill-ordinament ġuridiku nazzjonali; huwa direttament applikabbli, sakemm l-applikazzjoni tiegħu ma tiddependix fuq il-promulgazzjoni ta' liġi.

2. Trattat irratifikat bis-saħħa ta' liġi ta' awtorizzazzjoni għandu awtorità ogħla minn dik tal-liġi meta din tkun inkompatibbli mat-trattat."

22 L-Artikolu 144 tal-imsemmija kostituzzjoni jipprevedi:

"1. Il-President tar-Repubblika [tal-Polonja] għandu joħroġ atti uffiċjali fl-eżerċizzju tal-kompetenzi kostituzzjonali u legali tiegħu.

2. Sabiex ikunu validi, l-atti uffiċjali tal-President tar-Repubblika [tal-Polonja] għandhom jiġu kontraffirmati mill-President tal-Kunsill tal-Ministri li b'hekk tiskatta r-responsabbiltà tiegħu quddiem is-Sejm [(il-Parlament, il-Polonja)].

3. Id-dispożizzjonijiet tat-tieni paragrafu ma humiex applikabbli fil-każijiet li ġejjin:

[…]

17. il-ħatra ta' mħallfin,

[…]"

23 L-Artikolu 178(1) ta' din il-kostituzzjoni jiddisponi:

"Fl-eżerċizzju tal-kariga tagħhom, l-imħallfin għandhom ikunu indipendenti u suġġetti biss għall-[Kostituzzjoni Pollakka] u għal-liġijiet."

24 L-Artikolu 179 tal-Kostituzzjoni Pollakka huwa fformulat kif ġej:

"L-imħallfin għandhom jinħatru mill-President tar-Repubblika [tal-Polonja], fuq proposta tal-Krajowa Rada Sądownictwa (il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura, il-Polonja) [(iktar 'il quddiem il-'KRS')], għal żmien indeterminat."

25 Konformement mal-Artikolu 188 ta' din il-kostituzzjoni:

"It-Trybunał Konstytucyjny [(il-Qorti Kostituzzjonali)] għandha tiddeċiedi dwar:

1. il-konformità tal-liġijiet u tat-trattati mal-[Kostituzzjoni Pollakka],

2. il-konformità tal-liġijiet mat-trattati rratifikati li r-ratifika tagħhom teħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel minn liġi,

3. il-konformità mal-[Kostituzzjoni Pollakka], mat-trattati rratifikati u mal-liġijiet, tal-atti normattivi maħruġa mill-awtoritajiet ċentrali tal-Istat,

4. il-konformità mal-[Kostituzzjoni Pollakka] tal-għanijiet jew tal-attivitajiet tal-partiti politiċi,

5. ir-rikors kostituzzjonali msemmi fl-Artikolu 79(1)".

26 L-Artikolu 190 tal-Kostituzzjoni Pollakka jipprevedi:

"1. Is-sentenzi tat-Trybunał Konstytucyjny [il-Qorti Kostituzzjonali] huma obbligatorji *erga omnes* u definittivi.

2. Is-sentenzi tat-Trybunał Konstytucyjny [il-Qorti Kostituzzjonali] dwar il-kawżi msemmija fl-Artikolu 188 għandhom jiġu ppubblikati mingħajr dewmien fil-pubblikazzjoni uffiċjali fejn l-att normattiv ikun ġie ppubblikat. Jekk l-att ma jkunx ġie ppubblikat, is-sentenza għandha tiġi ppubblikata fid-Dziennik Urzędowy Rzeczypospolitej Polskiej 'Monitor Polski' [il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja].

3. Is-sentenza tat-Trybunał Konstytucyjny [il-Qorti Kostituzzjonali] għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha […].

[…]

5. It-Trybunał Konstytucyjny [il-Qorti Kostituzzjonali] għandha tiddeċiedi b'maġġoranza tal-voti."

27 L-Artikolu 193 tal-Kostituzzjoni Pollakka huwa fformulat kif ġej:

"Kull qorti tista' tindirizza lit-Trybunał Konstytucyjny [il-Qorti Kostituzzjonali] kwistjoni legali dwar il-konformità ta' att normattiv mal-[Kostituzzjoni Pollakka], mat-Trattati rratifikati jew mal-liġi, meta s-soluzzjoni ta' kawża li hija adita biha tiddependi mit-tweġiba għal din il-mistoqsija."

28 L-Artikolu 194 tal-Kostituzzjoni Pollakka jistabbilixxi:

"1. It-Trybunał Konstytucyjny [(il-Qorti Kostituzzjonali)] hija komposta minn ħmistax-il imħallef magħżula individwalment mis-Sejm [(il-Parlament, il-Polonja)] għal perijodu ta' disa' snin minn fost il-persuni li huma distinti mill-għarfien tagħhom tad-dritt. L-elezzjoni mill-ġdid tagħhom fit-Trybunał Konstytucyjny [(il-Qorti Kostituzzjonali)] ma hijiex awtorizzata.

2. Il-President u l-Viċi President tat-Trybunał Konstytucyjny [(il-Qorti Kostituzzjonali)] għandhom jinħatru mill-President tar-Repubblika [tal-Polonja] minn fost il-kandidati ppreżentati mill-assemblea ġenerali tal-imħallfin tat-Trybunał Konstytucyjny [(il-Qorti Kostituzzjonali)] [(iktar 'il quddiem l-'assemblea ġenerali')]."

29 Skont l-Artikolu 197 tal-Kostituzzjoni Pollakka, "[l]-organizzazzjoni tat-Trybunał Konstytucyjny [(il-Qorti Kostituzzjonali)] u l-proċedura quddiemha għandhom jiġu ddeterminati mil-liġi".

Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)

30 Matul is-snin 2015 u 2016, is-Sejm (il-Parlament) adotta diversi liġijiet li jemendaw l-organizzazzjoni u l-funzjonament tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali).

31 Fil-25 ta' Ġunju 2015, is-Sejm (il-Parlament) adotta l-ustawa o Trybunale Konstytucyjnym (il-Liġi dwar il-Qorti Kostituzzjonali) (Dz. U. pożizzjoni 1064, iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Qorti Kostituzzjonali"), li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Awwissu 2015.

32 L-Artikolu 19(1) u (2) ta' din il-liġi jiddisponi:

"1. L-Uffiċċju tas-Sejm [(il-Parlament)] u grupp magħmul minn mill-inqas minn 50 deputat għandhom jingħataw id-dritt li jippreżentaw kandidat għall-kariga ta' mħallef fit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali).

2. Il-proposta għall-ħatra ta' kandidat għall-pożizzjoni ta' mħallef tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] għandha tiġi indirizzata lill-President tas-Sejm [(il-Parlament)] mhux iktar tard minn tliet xhur qabel id-data ta' skadenza tal-mandat pendenti ta' mħallef tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)]."

33 Skont l-Artikolu 21(1) tal-imsemmija liġi, il-persuna eletta għall-pożizzjoni ta' mħallef tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) kellha tieħu ġurament quddiem il-President tar-Repubblika tal-Polonja skont il-formula stabbilita minn din id-dispożizzjoni.

34 L-Artikolu 137 tal-Liġi tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Qorti Kostituzzjonali kien jipprevedi, b'mod tranżitorju, dwar l-imħallfin tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) li l-mandat tagħhom kien jiskadi matul is-sena 2015, li l-proposta msemmija fl-Artikolu 19(2) ta' din il-liġi kellha tiġi ppreżentata f'terminu ta' 30 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmija liġi.

35 Fid-19 ta' Novembru 2015, is-Sejm (il-Parlament) adotta, fil-kuntest ta' proċedura b'urġenza, l-ustawa o zmianie ustawy z dnia 25 czerwca 2015 r. o Trybunale Konstytucyjnym (il-Liġi li Temenda l-Liġi tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Qorti Kostituzzjonali) (Dz. U. pożizzjoni 1928, iktar 'il quddiem il-"Liġi li Temenda tad-19 ta' Novembru 2015"), li daħlet fis-seħħ fil-5 ta' Diċembru 2015.

36 Il-punt 3 tal-Artikolu 1 ta' din il-liġi emenda l-Artikolu 19(2) tal-Liġi tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Qorti Kostituzzjonali, li issa kien ifformulat kif ġej:

"Il-proposta għall-ħatra ta' kandidat għall-pożizzjoni ta' mħallef tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] hija indirizzata lill-President tas-Sejm [(il-Parlament)] 30 jum qabel l-iskadenza tal-mandat ta' mħallef tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)]."

37 Il-punt 4(a) tal-Artikolu 1 tal-Liġi li Temenda tad-19 ta' Novembru 2015 emenda l-Artikolu 21(1) tal-Liġi tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Qorti Kostituzzjonali, li issa huwa fformulat kif ġej:

"Il-persuna eletta fil-pożizzjoni ta' mħallef tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] tieħu ġurament quddiem il-President tar-Repubblika [tal-Polonja] f'terminu ta' 30 jum mid-data tal-elezzjoni tagħha […]"

38 L-Artikolu 1(4)(b) tal-Liġi li Temenda tad-19 ta' Novembru 2015 daħħal, fil-Liġi tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Qorti Kostituzzjonali, Artikolu 21(1a), li huwa hekk ifformulat:

"It-teħid tal-ġurament jimmarka l-bidu tal-mandat tal-imħallef tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)]."

39 L-Artikolu 1 tal-Liġi li Temenda tad-19 ta' Novembru 2015 ħassar, permezz tal-punt 5 tiegħu, l-Artikolu 137 tal-Liġi tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Qorti Kostituzzjonali u daħħal, permezz tal-punt 6 tiegħu, f'din l-aħħar liġi, l-Artikolu 137a li jipprevedi, fir-rigward tal-imħallfin tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) li l-mandat tagħhom kien jiskadi matul is-sena 2015, li l-proposta msemmija fl-Artikolu 19(2) kellha tiġi ppreżentata f'terminu ta' sebat ijiem mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Artikolu 137a.

40 L-Artikolu 2 tal-Liġi li Temenda tad-19 ta' Novembru 2015 jipprevedi dan li ġej:

"Il-mandat tal-President attwali u tal-Viċi President attwali tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] jiskadi tliet xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-liġi".

41 Fit-22 ta' Lulju 2016, is-Sejm (il-Parlament) adotta l-ustawa o Trybunale Konstytucyjnym (il-Liġi dwar il-Qorti Kostituzzjonali) (Dz. U. pożizzjoni 1157, iktar 'il quddiem il-"Liġi tat-22 ta' Lulju 2016 dwar il-Qorti Kostituzzjonali"), intiża sabiex tissostitwixxi l-Liġi tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Qorti Kostituzzjonali u li kellha tidħol fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 2016.

42 L-Artikolu 16(4) u (7) tal-Liġi tat-22 ta' Lulju 2016 dwar il-Qorti Kostituzzjonali kien ifformulat kif ġej:

"4. Il-parti tas-sessjoni tal-assemblea ġenerali dwar l-elezzjoni tal-kandidati għall-pożizzjoni ta' President jew ta' Viċi President tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] għandha tkun ippreseduta mill-imħallef tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] l-iktar anzjan li jipparteċipa fl-assemblea ġenerali.

[…]

7. Il-kandidati għandhom jiġu eletti jekk mill-inqas għaxar imħallfin min-numru totali ta' mħallfin [tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] kif iddefinit fl-Artikolu 194(1) tal-[Kostituzzjoni Pollakka] jipparteċipaw fl-assemblea ġenerali. Kull imħallef tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] li jipparteċipa fil-proċedura ta' elezzjoni għandu vot wieħed biss u jista' jivvota biss għal kandidat wieħed."

43 Skont l-Artikolu 90 tal-Liġi tat-22 ta' Lulju 2016 dwar il-Qorti Kostituzzjonali:

"Il-President tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] għandu jinkludi fil-kulleġġi ġudikanti l-imħallfin tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] li jkunu ħadu l-ġurament quddiem il-President tar-Repubblika [tal-Polonja] iżda li jkunu għadhom ma bdewx jaqdu l-funzjonijiet tagħhom fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, u jassenjalhom kawżi."

44 Permezz ta' sentenza tal-11 ta' Awwissu 2016 (Kawża K 39/16), it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet li l-Artikolu 90 tal-Liġi tat-22 ta' Lulju 2016 dwar il-Qorti Kostituzzjonali kienet inkompatibbli mal-Artikolu 194(1) tal-Kostituzzjoni Pollakka.

45 Fit-13 ta' Diċembru 2016, is-Sejm (il-Parlament) adotta l-ustawa przepisy wprowadzające ustawę o organizacji i trybie postępowania przed Trybunałem Konstytucyjnym oraz o statusie sędziów Trybunału Konstytucyjnego (il-Liġi li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet Introduttivi tal-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u l-Proċeduri Quddiemha u tal-Liġi dwar l-Istatus tal-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali, Dz. U. pożizzjoni 2074, iktar 'il quddiem il-"Liġi li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet Introduttivi"), li daħlet fis-seħħ, għal uħud minn dawn id-dispożizzjonijiet, fl-20 ta' Diċembru 2016.

46 L-Artikolu 3 ta' din il-liġi ħassar il-Liġi tat-22 ta' Lulju 2016 dwar il-Qorti Kostituzzjonali.

47 L-Artikolu 18 tal-Liġi li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet Introduttivi jipprevedi li l-President tar-Repubblika tal-Polonja jista' jafda l-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) lil imħallef ta' dik il-qorti.

48 L-Artikolu 20 ta' din il-liġi jiddisponi:

"L-imħallef li jaġixxi bħala President tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] għandu jmexxi, f'terminu ta' xahar mill-jum ta' wara d-data tal-promulgazzjoni ta' din il-liġi, il-proċedura ta' preżentazzjoni lill-President tar-Repubblika tal-Polonja tal-kandidati għall-pożizzjoni ta' President tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] fil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 21."

49 L-Artikolu 21 tal-imsemmija liġi, li jistabbilixxi l-proċedura għall-ħatra tal-kandidati għall-pożizzjoni ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fid-dawl tal-preżentazzjoni tagħhom lill-President tar-Repubblika tal-Polonja, jistabbilixxi:

"1. L-imħallef li jaġixxi bħala President tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] għandu jsejjaħ mingħajr dewmien laqgħa tal-assemblea ġenerali dwar il-preżentazzjoni lill-President tar-Repubblika tal-Polonja ta' kandidati għall-pożizzjoni ta' President tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] u għandu jinnotifika lill-imħallfin tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] bid-data ta' din il-laqgħa.

2. L-imħallfin tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] li ħadu l-ġurament quddiem il-President tar-Repubblika tal-Polonja għandhom jipparteċipaw fil-laqgħa msemmija fil-paragrafu 1. L-imħallef li jaġixxi bħala President tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] għandu jistabbilixxi l-aġenda u jippresjedi s-seduta.

3. L-assemblea ġenerali għandha tagħżel il-kandidati għall-pożizzjoni ta' President tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] permezz ta' vot, konformement mal-prinċipji stabbiliti fil-paragrafi 4 sa 9.

4. Kull imħallef tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] imsemmi fil-paragrafu 2 jista' jressaq ismu għall-proċedura ta' għażla tal-kandidati għall-pożizzjoni ta' President tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)]. L-imħallef li jaġixxi bħala President tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] għandu jiġbor il-kandidaturi mill-jum tal-pubblikazzjoni tad-data tal-laqgħa tal-assemblea ġenerali msemmija fil-paragrafu 1 sal-ftuħ tal-imsemmija laqgħa.

5. Il-kunjom u l-isem tal-imħallfin tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] proposti konformement mal-paragrafu 4 għandhom jitniżżlu fuq il-karta tal-vot f'ordni alfabetiku. Il-kandidaturi proposti jiġu vvotati b'mod konġunt. Il-votazzjoni hija valida jekk is-sinjal "x" jew "+" (żewġ linji li jikkoinċidu) jidher fil-kaxxa prevista għal dan l-għan fuq il-karta tal-vot ħdejn l-isem ta' mħallef tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)]. Il-votazzjoni għandha ssir b'mod sigriet.

[…]

7. L-assemblea ġenerali għandha tippreżenta bħala kandidati għall-pożizzjoni ta' President tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)], fil-forma ta' riżoluzzjoni, l-imħallfin kollha tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] li kisbu mill-inqas ħames voti waqt il-vot imsemmi fil-paragrafu 5.

8. Jekk in-numru ta' voti meħtieġ imsemmi fil-paragrafu 7 inkiseb biss minn imħallef wieħed tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)], l-assemblea ġenerali għandha tippreżenta bħala kandidati għall-pożizzjoni ta' President tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)], fil-forma ta' riżoluzzjoni, l-imħallef tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] li kiseb in-numru meħtieġ ta' minimu ta' ħames voti u l-imħallef tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] li kiseb l-ikbar appoġġ minn fost l-imħallfin tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] li ma laħqux in-numru meħtieġ ta' mill-inqas ħames voti.

9. Meta, fil-każ imsemmi fil-paragrafu 8, iktar minn imħallef wieħed tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] ikun kiseb l-ogħla appoġġ fost l-imħallfin tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] li ma jkunux kisbu n-numru ta' voti meħtieġ konformement mal-paragrafu 7, l-assemblea ġenerali, inkluż l-imħallef tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] li jkun kiseb mill-inqas ħames voti, tippreżenta bħala kandidati għall-pożizzjoni ta' President tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)], fil-forma ta' riżoluzzjoni, l-imħallfin kollha tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] li kisbu l-ogħla numru ta' voti.

[…]

11. Meta l-proċedura prevista fil-paragrafi 4 sa 9 ma tkunx wasslet għall-ħatra ta' mill-inqas żewġ imħallfin tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] bħala kandidati tal-assemblea ġenerali għall-pożizzjoni ta' President tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)], l-imħallef li jaġixxi bħala President tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)] għandu jtemm is-seduta u jsejjaħ mill-ġdid lill-assemblea ġenerali għall-finijiet tal-preżentazzjoni ta' kandidati għall-pożizzjoni ta' President tat-[Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)].

[…]"

Il-fatti li wasslu għall-kawża

Il-proċeduri dwar il-ħatriet ta' tliet imħallfin u tal-President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)

Il-proċedura dwar il-ħatra ta' tliet imħallfin tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fix-xahar ta' Diċembru 2015

50 Permezz ta' riżoluzzjonijiet tat-8 ta' Ottubru 2015 adottati matul is-seba' leġiżlatura tiegħu, is-Sejm (il-Parlament) eleġġa ħames persuni għal pożizzjonijiet ta' mħallef tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali). Tlieta minnhom, jiġifieri R.H., A.J. u K.Ś., kellhom jissostitwixxu mħallfin li l-mandat tagħhom kien jiskadi fis-6 ta' Novembru 2015, u tnejn minnhom kellhom jissostitwixxu lil imħallfin li l-mandat tagħhom kien jiskadi fix-xahar ta' Diċembru 2015.

51 It-tmien leġiżlatura tas-Sejm (il-Parlament), wara l-elezzjonijiet parlamentari tal-25 ta' Ottubru 2015, żammet l-ewwel sessjoni tagħha fit-12 ta' Novembru 2015. Fil-25 ta' Novembru 2015, is-Sejm (il-Parlament) adotta ħames riżoluzzjonijiet li jikkonstataw l-"assenza ta' effett legali" tar-riżoluzzjonijiet tat-8 ta' Ottubru 2015 u li jitolbu lill-President tar-Repubblika tal-Polonja sabiex jastjeni milli jieħu l-ġurament tal-persuni eletti minn dawn l-aħħar riżoluzzjonijiet.

52 Permezz ta' riżoluzzjonijiet tat-2 ta' Diċembru 2015, is-Sejm (il-Parlament) eleġġa ħames persuni għal pożizzjonijiet ta' mħallef tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali). Tlieta minnhom, jiġifieri H.C., L.M. u M.M., kellhom jissostitwixxu lill-imħallfin li l-mandat tagħhom kien skada fis-6 ta' Novembru 2015, u tnejn minnhom kellhom jissostitwixxu lil imħallfin li l-mandat tagħhom kien jiskadi fix-xahar ta' Diċembru 2015. Fit-3 u fid-9 ta' Diċembru 2015, dawn

il-ħames persuni ħadu ġurament quddiem il-President tar-Repubblika tal-Polonja. Madankollu, fit-3 ta' Diċembru 2015, il-President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) irrifjuta li erbgħa minn dawn l-imħallfin li ħadu l-ġurament jieħdu l-kariga sakemm tiġi ċċarata l-kwistjoni tal-validità tal-elezzjoni tagħhom mis-Sejm (il-Parlament).

53 Permezz ta' sentenza tat-3 ta' Diċembru 2015 (Kawża K 34/15), it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet dwar rikors li jirrigwarda l-antikostituzzjonalità ta' diversi dispożizzjonijiet tal-Liġi tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Qorti Kostituzzjonali. Dik il-qorti ddeċidiet, essenzjalment, li, konformement mal-Artikolu 194(1) tal-Kostituzzjoni Pollakka, is-Sejm (il-Parlament) li kien qed jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu matul il-leġiżlatura, li matulha l-mandat ta' disa' snin ta' mħallef tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) kien skada li kellha teleġġi mħallef ġdid. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija kkonkludiet, fost l-oħrajn, li l-Artikolu 137 tal-Liġi tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Qorti Kostituzzjonali kien kostituzzjonali sa fejn kien jikkonċerna l-imħallfin tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) li l-mandat tagħhom kien skada fis-6 ta' Novembru 2015, iżda antikostituzzjonali sa fejn kien jikkonċerna l-imħallfin ta' dik il-qorti li l-mandat tagħhom kien jintemm fix-xahar ta' Diċembru 2015.

54 Konsegwentement, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet li l-elezzjoni, fit-8 ta' Ottubru 2015, matul is-seba' leġiżlatura tas-Sejm (il-Parlament), ta' tliet imħallfin intiżi sabiex jissostitwixxu l-imħallfin li l-mandat tagħhom kellu jintemm fis-6 ta' Novembru 2015 kienet valida. Barra minn hekk, dik il-qorti enfasizzat li l-President tar-Repubblika tal-Polonja kien obbligat jamministra t-teħid ta' ġurament lil dawn it-tliet imħallfin, peress li dan ma kellu ebda setgħa diskrezzjonali f'dan ir-rigward. Mill-banda l-oħra, l-imsemmija qorti enfasizzat li s-Sejm (il-Parlament) ma setax jipproċedi, matul is-seba' leġiżlatura, bl-elezzjoni ta' żewġ imħallfin sabiex jissostitwixxi lill-imħallfin li l-mandat tagħhom kellu jiskadi fix-xahar ta' Diċembru 2015.

55 Permezz ta' sentenza tad-9 ta' Diċembru 2015 (Kawża K 35/15), it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) iddikjarat inkompatibbli mal-Artikolu 194(1) tal-Kostituzzjoni Pollakka, moqri flimkien mal-Artikolu 7 tagħha, il-punt 6 tal-Artikolu 1 tal-Liġi li Temenda tad-19 ta' Novembru 2015, sa fejn, essenzjalment, l-Artikolu 137a li huwa kien daħħal fil-Liġi tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Qorti Kostituzzjonali kien jipprevedi l-elezzjoni, fit-tmien leġiżlatura tas-Sejm (il-Parlament), ta' mħallfin li jissostitwixxu lil dawk li l-mandat tagħhom kien skada matul is-seba' leġiżlatura. Mill-banda l-oħra, dik il-qorti kkonfermat, bħal fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Diċembru 2015, il-konformità mal-Kostituzzjoni Pollakka tal-Artikolu 137 tal-Liġi tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Qorti Kostituzzjonali bħala bażi legali tal-elezzjoni mis-Sejm (il-Parlament), matul is-seba' leġiżlatura, ta' tliet imħallfin li jissostitwixxu l-imħallfin li l-mandat tagħhom kien skada fis-6 ta' Novembru 2015. Barra minn hekk, hija ddeċidiet li l-elezzjoni, fit-tmien leġiżlatura, abbażi tal-Artikolu 137a tal-Liġi tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Qorti Kostituzzjonali, li tirriżulta mil-Liġi li Temenda tad-19 ta' Novembru 2015, ta' tliet imħallfin intiżi sabiex jissostitwixxu lil dawk li l-mandat tagħhom kien skada fis-6 ta' Novembru 2015 kellha l-effett li żżid għal tmintax in-numru ta' mħallfin membri fi ħdan it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali).

56 Minkejja dawn iż-żewġ sentenzi tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), l-ebda waħda mit-tliet persuni eletti fit-8 ta' Ottubru 2015 mis-Sejm (il-Parlament) sabiex jissostitwixxu l-imħallfin li l-mandat tagħhom kien skada fis-6 ta' Novembru 2015 ma ħadet ġurament quddiem il-President tar-Repubblika tal-Polonja u assumiet il-kariga tagħha fi ħdan dik il-qorti.

57 Fit-12 ta' Jannar 2016, A.R., li dak iż-żmien kien il-President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), awtorizza liż-żewġ persuni eletti mis-Sejm (il-Parlament) fit-2 ta' Diċembru 2015 sabiex jissostitwixxu ż-żewġ imħallfin li l-mandat tagħhom kien skada fix-xahar ta' Diċembru 2015 sabiex iservu bħala membri fi ħdan it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali).

58 Fid-19 ta' Diċembru 2016, il-mandat ta' A.R. bħala President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) intemm.

59 Fl-20 ta' Diċembru 2016, konformement mal-Artikolu 18 tal-Liġi li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet Introduttivi, il-President tar-Repubblika tal-Polonja fada l-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) lill-imħallef J.P.. Fl-istess jum, J.P. awtorizzat lil H.C., L.M. u M.M., li kienu ġew eletti mis-Sejm (il-Parlament) fit-2 ta' Diċembru 2015 sabiex jissostitwixxu t-tliet imħallfin li l-mandat tagħhom kien skada fis-6 ta' Novembru 2015, sabiex iservu bħala membri fi ħdan it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali).

60 Peress li żewġ imħallfin tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) mietu fix-xhur ta' Lulju u ta' Diċembru 2017, is-Sejm (il-Parlament) eleġġa, sabiex jissostitwixxihom, fid-19 ta' Settembru 2017 u fit-30 ta' Jannar 2018, żewġ imħallfin ġodda. L-ebda wieħed minnhom ma kien wieħed mit-tliet imħallfin li kienu ġew eletti fit-8 ta' Ottubru 2015 sabiex jissostitwixxu lill-imħallfin li l-mandat tagħhom kien skada fis-6 ta' Novembru 2015.

61 Permezz ta' sentenza tas-7 ta' Mejju 2021, Xero Flor w Polsce sp. z o.o. vs Il-Polonja (CE:ECHR:2021:0507JUD000490718, punti 290 u 291), il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, adita minn kumpannija li r-rikors kostituzzjonali tagħha kien ġie miċħud mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), iddeċidiet li l-ħatra fi ħdan dik il-qorti ta' M.M., wieħed mill-imħallfin li kien membru fil-kulleġġ ġudikanti li kien eżamina r-rikors kostituzzjonali tiegħu, kien ivvizzjat b'irregolaritajiet serji, bi ksur tal-essenza stess tad-dritt għal "tribunal […] mwaqqaf b'liġi" stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"). Dik il-qorti kkonkludiet li r-rikorrenti kienet ġiet imċaħħda minn dan id-dritt minħabba l-parteċipazzjoni ta' M.M. fil-proċedura quddiem it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali).

62 Sabiex tasal għal din il-konklużjoni, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li kien hemm ksur manifest tad-dritt Pollakk fil-qasam tal-ħatra tal-imħallfin tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) kemm mis-Sejm (il-Parlament) kif ukoll mill-President tar-Repubblika tal-Polonja. Hija enfasizzat li, fit-2 ta' Diċembru 2015, matul it-tmien leġiżlatura, is-Sejm (il-Parlament) kien eleġġa tliet persuni għal pożizzjonijiet ta' mħallef fit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), fosthom M.M., sabiex jissostitwixxu tliet imħallfin li l-mandat tagħhom kien skada fis-6 ta' Novembru 2015, filwaqt li dawn il-pożizzjonijiet kienu diġà mtlew minn tliet persuni eletti mis-Sejm (il-Parlament) fit-8 ta' Ottubru 2015, waqt is-seba' leġiżlatura. Barra minn hekk, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irrilevat li l-President tar-Repubblika tal-Polonja kien irrifjuta li jieħu l-ġurament tat-tliet persuni eletti fit-8 ta' Ottubru 2015, filwaqt li kien ħa l-ġurament lit-tliet persuni eletti fit-2 ta' Diċembru 2015 (punti 261 sa 270 u 275).

63 Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qieset li l-ksur hekk imwettaq kien jikkonċerna regola fundamentali tad-dritt Pollakk applikabbli għall-elezzjoni tal-imħallfin tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), jiġifieri l-Artikolu 194(1) tal-Kostituzzjoni Pollakka, u li dan il-ksur kien ta' gravità tali li kien jikkompromett l-leġittimità tal-proċess elettorali u kien jippreġudika l-essenza stess tad-dritt għal "tribunal […] mwaqqaf b'liġi" kif ukoll il-prinċipju tal-Istat tad-dritt (punti 276 sa 287).

Il-proċedura dwar il-ħatra tal-President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)

64 Fl-20 ta' Diċembru 2016 fid-9:30, J.P., li kienet għadha kif ġiet fdata bl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' Presidenta tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), sejħet laqgħa tal-assemblea ġenerali fl-istess jum fis-13:30, bl-għan li teleġġi l-kandidati għall-pożizzjoni ta' President ta' dik il-qorti sabiex jiġu ppreżentati lill-President tar-Repubblika tal-Polonja. Wieħed mill-imħallfin talab il-posponiment tal-assemblea ġenerali, billi spjega li, fid-dawl tat-terminu qasir għas-sejħa, l-imħallfin kollha ma kinux f'pożizzjoni li jipparteċipaw fl-assemblea ġenerali. J.P. ma laqgħetx din it-talba.

65 Mill-erbatax-il imħallef tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) li kienu għalhekk preżenti waqt l-assemblea ġenerali, sitt imħallfin biss, fosthom H.C., L.M. u M.M., għalhekk aċċettaw li jipparteċipaw fl-elezzjoni tal-kandidati għall-pożizzjoni ta' President tal-imsemmija qorti. Peress li J.P. kisbet ħames voti u M.M. ingħata vot wieħed, dawn ġew ippreżentati lill-President tar-Repubblika tal-Polonja bħala kandidati għal din il-pożizzjoni.

66 Fil-21 ta' Diċembru 2016, il-President tar-Repubblika tal-Polonja ħatar lil J.P. bħala Presidenta tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali).

Is-sentenzi tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) tal-14 ta' Lulju 2021 u tas-7 ta' Ottubru 2021

67 Fl-14 ta' Lulju 2021 u fis-7 ta' Ottubru 2021, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) tat żewġ sentenzi dwar il-kompatibbiltà mal-Kostituzzjoni Pollakka tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar b'mod partikolari l-obbligu tar-Repubblika tal-Polonja li jirriżulta mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE li tiżgura protezzjoni ġudizzjarja effettiva (iktar 'il quddiem is-"sentenzi kontenzjużi").

Is-sentenza tal-14 ta' Lulju 2021

68 Fl-14 ta' Lulju 2021, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) tat is-sentenza tagħha fil-Kawża P 7/20, li l-motivi tagħha ġew ippubblikati fis-7 ta' Ottubru 2021 (iktar 'il quddiem is-"sentenza tal-14 ta' Lulju 2021").

69 F'din is-sentenza, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), adita mill-Izba Dyscyplinarna (l-Awla Dixxiplinari) tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja, iktar 'il quddiem l-"Awla Dixxiplinari"), eżaminat il-kwistjoni tal-kompatibbiltà mal-Kostituzzjoni Pollakka tal-miżuri provviżorji imposti fuq ir-Repubblika tal-Polonja permezz tad-digriet tat-8 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-791/19 R, EU:C:2020:277), b'mod partikolari dik li tobbligaha tissospendi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jafdaw lil din l-awla l-kompetenza fil-kawżi dixxiplinari dwar l-imħallfin.

70 It-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet li, "sa fejn il-[Qorti tal-Ġustizzja] imponiet obbligi *ultra vires* fuq ir-Repubblika tal-Polonja, billi adottat miżuri provviżorji dwar l-organizzazzjoni u l-ġurisdizzjoni tal-qrati Pollakki u l-proċedura quddiem dawn il-qrati, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE, moqri flimkien mal-Artikolu 279 TFUE, kienu jmorru kontra l-Artikolu 2, l-Artikolu 7, l-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 90(1) moqrija flimkien mal-Artikolu 4(1) tal-Kostituzzjoni [Pollakka], b'tali mod li ma jaqax taħt il-prinċipji ta' supremazija u ta' applikazzjoni diretta stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 3 tal-Artikolu 91 tal-Kostituzzjoni [Pollakka]".

71 Fir-rigward tal-effetti tas-sentenza tal-14 ta' Lulju 2021, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet li "r-regoli maħluqa […] mill-Qorti tal-Ġustizzja" li ġew adottati *ultra vires* kienu jmorru kontra l-Kostituzzjoni Pollakka. Barra minn hekk, dik il-qorti rrilevat dan li ġej:

"Konformement mal-Artikolu 190(1) tal-Kostituzzjoni [Pollakka], din is-sentenza, li tikkonstata l-inkompatibbiltà ġerarkika tar-regola kkontestata mal-Kostituzzjoni [Pollakka], hija definittiva u universalment vinkolanti. Is-sentenza tat-Trybunał Konstytucyjny [(il-Qorti Kostituzzjonali)] hija indirizzata lid-destinatarji kollha li japplikaw id-dritt [tal-Unjoni] fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja. […] Is-sentenza tat-Trybunał Konstytucyjny [(il-Qorti Kostituzzjonali)] għandha effetti *ex tunc* u hija applikabbli. Id-deċiżjoni li att tal-Unjoni jimponi obbligi *ultra vires* fuq ir-Repubblika tal-Polonja f'dak li jirrigwarda l-organizzazzjoni u l-ġurisdizzjoni tal-qrati tagħha kif ukoll il-proċedura quddiemhom timplika li f'dan ir-rigward, ir-regola li dwarha tistaqsi l-qorti ma għandha ebda effett ġuridiku fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja. B'mod partikolari, il-prinċipju ta' effett dirett (applikazzjoni diretta) u l-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni fuq il-liġijiet nazzjonali, previsti fl-Artikolu 91(1) sa (3) tal-Kostituzzjoni [Pollakka], ma japplikawx għall-atti normattivi maħruġa *ultra vires* mill-korpi, mill-istituzzjonijiet u mill-entitajiet organizzattivi tal-Unjoni."

Is-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021

72 Fis-7 ta' Ottubru 2021, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), adita mill-President tal-Kunsill tal-Ministri u bis-seduta plenarja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat is-sentenza tagħha fil-Kawża K 3/21 (iktar 'il quddiem is-"sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021"), li l-motivi tagħha ġew ippubblikati fis-16 ta' Novembru 2022 u li d-dispożittiv tagħha, ippubblikat min-naħa tiegħu fit-12 ta' Ottubru 2021, jistabbilixxi:

"1. L-ewwel u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1, moqrija flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE […], sa fejn l-Unjoni Ewropea, stabbilita minn Stati ugwali u sovrani, toħloq 'għaqda dejjem eqreb fost il-popli ta' l-Ewropa', li l-integrazzjoni tagħha, ibbażata fuq id-dritt tal-Unjoni [Ewropea] u l-interpretazzjoni ta' dan tal-aħħar mill-[Qorti tal-Ġustizzja], qiegħda tidħol fi 'stadju ġdid', li fih:

a) il-korpi tal-Unjoni Ewropea jaġixxu barra mil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilhom mir-Repubblika tal-Polonja fit-Trattati;

b) il-Kostituzzjoni [Pollakka] ma hijiex ir-regola suprema tar-Repubblika tal-Polonja li tibbenefika minn supremazija ta' validità u ta' applikazzjoni;

c) ir-Repubblika tal-Polonja ma tistax tiffunzjona bħala stat sovran u demokratiku,

imur kontra l-Artikolu 2, l-Artikolu 8 u l-Artikolu 90(1) tal-Kostituzzjoni [Pollakka].

2. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) [TUE], sa fejn, sabiex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, jagħti lill-qrati nazzjonali (lill-qrati ordinarji, lill-qrati amministrattivi, lill-qrati militari u lis-Sąd Najwyższy [(il-Qorti Suprema)]) kompetenzi sabiex:

a) jeskludu d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni [Pollakka] fil-kuntest tat-teħid ta' deċiżjoni tagħhom, imur kontra l-Artikolu 2, l-Artikolu 7, l-Artikolu 8(1), l-Artikolu 90(1) u l-Artikolu 178(1) tal-Kostituzzjoni [Pollakka];

b) jibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom fuq dispożizzjonijiet li, peress li tħassru mis-Sejm [(il-Parlament)] u/jew meqjusa kuntrarji għall-Kostituzzjoni [Pollakka] mit-Trybunał Konstytucyjny [(il-Qorti Kostituzzjonali)], ma għadhomx fis-seħħ, imur kontra l-Artikolu 2, l-Artikolu 7, l-Artikolu 8(1), l-Artikolu 90(1), l-Artikolu 178(1) u l-Artikolu 190(1) tal-Kostituzzjoni [Pollakka].

3. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 2 [TUE], sa fejn, sabiex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni u sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura, dawn jagħtu lill-qrati nazzjonali (lill-qrati ordinarji, lill-qrati amministrattivi, lill-qrati militari u lis-Sąd Najwyższy [(il-Qorti Suprema)] kompetenzi sabiex:

a) jistħarrġu l-legalità tal-proċedura ta' ħatra tal-imħallfin, inkluża l-legalità tal-att li permezz tiegħu l-President tar-Repubblika tal-Polonja jaħtar imħallef, imorru kontra l-Artikolu 2, l-Artikolu 8(1), l-Artikolu 90(1) u l-Artikolu 179, flimkien mal-punt 17 tal-Artikolu 144(3) tal-Kostituzzjoni [Pollakka];

b) jistħarrġu l-legalità ta' riżoluzzjoni li permezz tagħha l-[KRS] jippreżenta lill-President tar-Repubblika [tal-Polonja] proposta għall-ħatra ta' mħallef, imorru kontra l-Artikolu 2, l-Artikolu 8(1), l-Artikolu 90(1) u l-Artikolu 186(1) tal-Kostituzzjoni [Pollakka];

c) jiddeċiedu dwar in-natura vvizzjata tal-proċess ta' ħatra ta' mħallef u, konsegwentement, jirrifjutaw li jirrikonoxxi l-istatus ta' mħallef lil persuna maħtura għall-kariga ta' mħallef konformement mal-Artikolu 179 tal-Kostituzzjoni [Pollakka], imorru kontra l-Artikolu 2, l-Artikolu 8(1), l-Artikolu 90(1) u l-Artikolu 179, flimkien mal-punt 17 tal-Artikolu 144(3) tal-Kostituzzjoni [Pollakka]."

Il-proċedura prekontenzjuża

73 Fit-22 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika tal-Polonja.

74 F'din l-ittra, il-Kummissjoni indikat li, minħabba l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni Pollakka mogħtija mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), b'mod partikolari fis-sentenzi kontenzjużi, ir-Repubblika tal-Polonja kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u taħt il-prinċipji ġenerali ta' awtonomija, ta' supremazija, ta' effettività u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll kisret l-effett vinkolanti tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Kummissjoni qieset ukoll li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) ma kinitx tissodisfa r-rekwiżit ta' qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi u li, anki fuq dan il-punt, l-imsemmi Stat Membru kien naqas milli jwettaq l-obbligu tiegħu taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

75 Fir-risposta tagħha tat-18 ta' Frar 2022, ir-Repubblika tal-Polonja kkontestat l-ilmenti mqajma mill-Kummissjoni.

76 Permezz ta' ittra tal-15 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata lir-Repubblika tal-Polonja u sostniet li din:

– fid-dawl tal-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni Pollakka mogħtija mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), b'mod partikolari fis-sentenzi kontenzjużi, kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE;

– fid-dawl tal-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni Pollakka mogħtija mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), b'mod partikolari fis-sentenzi kontenzjużi, kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt il-prinċipji ġenerali ta' awtonomija, ta' supremazija, ta' effettività u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni u taħt il-prinċipju ta' effett vinkolanti tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja;

– kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE sa fejn, minħabba irregolaritajiet li jivvizzjaw il-proċeduri ta' ħatra ta' tliet imħallfin fix-xahar ta' Diċembru 2015 u tal-president tagħha fix-xahar ta' Diċembru 2016, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) ma kinitx għadha tissodisfa r-rekwiżiti ta' qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi.

77 Fir-risposta tagħha tal-14 ta' Settembru 2022, ir-Repubblika tal-Polonja sostniet li dawn l-ilmenti kollha kienu infondati.

78 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta dan ir-rikors.

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

79 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Ottubru 2023 u tas-7 ta' Novembru 2023 rispettivament, ir-Renju tal-Belġju u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi tħallew jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni.

Fuq ir-rikors

80 Ir-rikors tal-Kummissjoni jinkludi tliet ilmenti.

81 Permezz tal-ewwel u tat-tieni lment, il-Kummissjoni ssostni li s-sentenzi kontenzjużi jiksru l-obbligi tar-Repubblika tal-Polonja skont, minn naħa, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u, min-naħa l-oħra, il-prinċipji ta' awtonomija, ta' supremazija, ta' effettività u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-prinċipju ta' effett vinkolanti tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja. It-tielet ilment huwa bbażat fuq ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE minħabba irregolaritajiet li vvizzjaw il-proċeduri ta' ħatra ta' tliet membri tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fix-xahar ta' Diċembru 2015 u tal-President ta' dik il-qorti fix-xahar ta' Diċembru 2016.

82 Fir-risposta tagħha, ir-Repubblika tal-Polonja talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad ir-rikors bħala infondat fl-intier tiegħu. Madankollu, dan l-Istat Membru, fil-kontroreplika tiegħu, espliċitament irtira l-imsemmija risposta u ammetta b'mod sħiħ l-ilmenti mqajma mill-Kummissjoni, filwaqt li enfasizza li huwa kien jaqbel mal-argumenti mressqa minn din l-istituzzjoni.

83 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatti li fuqhom huwa bbażat in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu allegat f'dan ir-rikors jistgħu jiġu kkunsidrati bħala stabbiliti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2023, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Ġbir tal-ilma urban mormi), C-587/22, EU:C:2023:963, punt 27).

84 Madankollu, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tikkonstata jekk l-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jeżistix jew le, u dan anki jekk l-Istat ikkonċernat ma jikkontestax jew ma jikkontestax iktar dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Jannar 2014, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-67/12, EU:C:2014:5, punt 30, kif ukoll tal-14 ta' Settembru 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-320/15, EU:C:2017:678, punt 21).

Fuq l-ewwel ilment

L-argumenti tal-partijiet

85 Permezz tal-ewwel ilment tagħha, li jinkludi żewġ partijiet, il-Kummissjoni ssostni li r-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligu tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE li tiżgura protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. Dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jirriżulta mill-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni Pollakka mogħtija mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fiż-żewġ sentenzi kontenzjużi.

86 Insostenn tal-ewwel parti tal-ewwel ilment tagħha, il-Kummissjoni ssostni l-inkompatibbiltà mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE tas-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021.

87 Skont din l-istituzzjoni, mill-punti 2 u 3 tad-dispożittiv ta' din is-sentenza jirriżulta li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) ċaħdet l-interpretazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE adottata fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari f'dik li tirriżulta mis-sentenzi tat-2 ta' Marzu 2021, A.B. *et* (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema – Rikors), C-824/18, EU:C:2021:153), u tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra) (C-487/19, EU:C:2021:798).

88 Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jipprekludi l-limitazzjoni u, *a fortiori*, it-tneħħija tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' riżoluzzjonijiet bħal dawk meħuda mill-KRS fil-kuntest tal-proċeduri ta' ħatra tal-imħallfin fis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema). Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li l-verifika tar-regolarità ta' dawn il-proċeduri ta' ħatra tagħmel parti integrali mir-rekwiżit, stabbilit mid-dritt tal-Unjoni, ta' "qorti stabbilita minn qabel bil-liġi", b'tali mod li l-qrati nazzjonali jkunu awtorizzati, meta jevalwaw il-legalità ta' deċiżjoni ġudizzjarja, jivverifikaw il-legalità tal-proċedura ta' ħatra tal-imħallef li jkun ta deċiżjoni kkontestata.

89 Issa, fl-ewwel lok, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), fil-punt 2(b) u fil-punt 3(b) tad-dispożittiv kif ukoll fil-punti 6.2, 6.4, 6.5, 8.3 u 8.5 tal-motivi legali tas-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021, iddeċidiet li huma inkompatibbli mal-Artikoli 2 u 7, mal-Artikolu 8(1), mal-Artikolu 90(1), mal-Artikolu 178(1), mal-Artikolu 186(1) u mal-Artikolu 190(1)

tal-Kostituzzjoni Pollakka, l-effetti li jirriżultaw mill-applikazzjoni mill-qrati nazzjonali tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A.B. *et* (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema – Rikors), C-824/18, EU:C:2021:153). It-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) ibbażat il-konklużjonijiet tagħha fuq l-interpretazzjoni tagħha stess tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni dik tal-Qorti tal-Ġustizzja, u ċaħdet il-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali, li tirriżulta minn din id-dispożizzjoni, minn naħa, sabiex tiddeċiedi t-tilwim abbażi ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li ma għadhomx fis-seħħ minħabba t-tħassir tagħhom mil-leġiżlatur nazzjonali jew mid-dikjarazzjoni ta' antikostituzzjonalità tagħhom mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) kif ukoll, min-naħa l-oħra, sabiex tevalwa l-legalità ta' riżoluzzjoni tal-KRS li tipproponi lill-President tar-Repubblika tal-Polonja jaħtar il-kandidati msemmija hemmhekk għal pożizzjonijiet ta' mħallfin.

90 Fit-tieni lok, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet, fil-punt 3(a) u (c) tad-dispożittiv tas-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021, li hija inkompatibbli mal-Artikolu 2, mal-Artikolu 8(1), mal-Artikolu 90(1) u mal-Artikolu 179, moqrija flimkien mal-punt 17 tal-Artikolu 144(3) tal-Kostituzzjoni Pollakka, il-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali, kif tirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, sabiex tistħarreġ il-legalità tal-proċedura ta' ħatra ta' mħallef, tiddeċiedi dwar in-natura difettuża tal-proċess ta' ħatra ta' mħallef u tiddeċiedi bħala ineffettiva d-deċiżjoni mogħtija minn imħallef maħtur fil-kuntest ta' tali proċedura.

91 F'dan ir-rigward, mill-punti 6.4 u 8.4 tal-motivi legali ta' din is-sentenza jirriżulta li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) kien iddeċieda li kienet inkompatibbli mal-Kostituzzjoni Pollakka l-interpretazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra), C-487/19, EU:C:2021:798), li tgħid li l-qrati nazzjonali huma, skont din id-dispożizzjoni, awtorizzati jivverifikaw, f'każijiet speċifiċi, ir-regolarità tal-proċess ta' ħatra ta' mħallef fid-dawl tar-rekwiżiti li jirriżultaw minnha.

92 Hawnhekk it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) reġgħet ibbażat ruħha fuq l-interpretazzjoni tagħha stess tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. B'mod ġenerali, hija tikkontesta l-possibbiltà, għall-qrati nazzjonali, li jivverifikaw, abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, ir-regolarità ta' proċedura ta' ħatra ta' mħallef sabiex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Issa, il-fatt li tali possibbiltà hija, b'mod ġenerali, eskluża, hija inkompatibbli mar-rekwiżit ta' "qorti stabbilita minn qabel bil-liġi", fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, ibbażata speċifikament fuq evalwazzjoni tal-legalità tal-proċedura ta' ħatra tal-imħallfin, kif interpretata, b'mod partikolari, fis-sentenzi tas-26 ta' Marzu 2020, Eżami mill-ġdid Simpson vs Il-Kunsill u HG vs Il-Kummissjoni (C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2020:232), u tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra), C-487/19, EU:C:2021:798).

93 Insostenn tat-tieni parti tal-ewwel ilment tagħha, il-Kummissjoni ssostni l-inkompatibbiltà mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE tas-sentenza tal-14 ta' Lulju 2021.

94 F'din is-sentenza, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet li l-miżuri provviżorji imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja abbażi tal-Artikolu 279 TFUE jistgħu biss, konformement mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali previst fl-Artikolu 4(3) TUE, jiġu applikati direttament mill-korpi ta' Stat Membru, b'mod partikolari mill-qrati, iżda biss jekk dawn

il-miżuri jkunu koperti mill-"prinċipju ta' delega ta' kompetenzi lill-Unjoni" u josservaw l-identità kostituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat kif ukoll il-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità.

95 Issa, f'dan il-każ, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), kien ikkunsidra li l-miżuri provviżorji dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-qrati Pollakki u l-proċedura quddiemhom, previsti mid-digriet tat-8 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-791/19 R, EU:C:2020:277), ġew adottati *ultra vires*, sa fejn it-Trattati ma kinux jagħtu kompetenza lill-Unjoni f'dak li jirrigwarda l-organizzazzjoni u l-kompetenzi tal-qrati Pollakki kif ukoll il-proċedura quddiem dawn il-qrati, li jirriflettu l-identità kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Polonja.

96 Barra minn hekk, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), kienet iddeċidiet li dawn il-miżuri provviżorji jiksru l-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità, peress li jinterferixxu b'mod sproporzjonat fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura Pollakka billi jċaħħdu lill-imħallfin tal-Awla Dixxiplinari mill-possibbiltà li jiddeċiedu dwar kawżi dixxiplinari, li jmur kontra l-prinċipju ta' indipendenza tal-membri tal-ġudikatura.

97 Il-Kummissjoni tqis li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) kisret b'mod manifest id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, billi qieset li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet *ultra vires* u billi b'hekk ikkontestat il-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tordna miżuri provviżorji skont l-Artikolu 279 TFUE, meta dawn il-miżuri jirriżultaw neċessarji sabiex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva quddiem qorti indipendenti, imparzjali u stabbilita minn qabel bil-liġi. L-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni Pollakka mogħtija mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) tipprekludi r-rikonoxximent tal-effett vinkolanti ta' tali miżuri provviżorji ordnati mill-Qorti tal-Ġustizzja, li jikkostitwixxi ksur manifest tar-rekwiżiti previsti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja.

98 L-argument tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) li jgħid li huwa sabiex tiġi ppreżervata l-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura Pollakki li huwa jipprekludi l-interpretazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja u l-miżuri provviżorji tagħha intiżi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għandu jiġi miċħud. Fil-fatt, kif spjegat il-Qorti tal-Ġustizzja fid-digriet tat-8 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-791/19 R, EU:C:2020:277), il-miżuri provviżorji mitluba mill-Kummissjoni kienu intiżi preċiżament sabiex jippreżervaw l-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura tal-qrati Pollakki, u mhux li jdgħajfuha.

99 Ir-Repubblika tal-Polonja tqis li l-ewwel ilment huwa fondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

100 Qabel ma jinbeda l-eżami tal-ewwel ilment, għandu jitfakkar li l-obbligu tal-Istati Membri li josservaw id-dispożizzjonijiet tat-Trattati huwa impost fuq l-awtoritajiet kollha tagħhom, inkluż, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji kollha. Għalhekk, nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu jista', bħala prinċipju, jiġi kkonstatat taħt l-Artikolu 258 TFUE irrispettivament mill-korp ta' dan l-Istat Membru li l-azzjoni jew in-nuqqas ta' azzjoni tiegħu jkunu l-oriġini tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat, u dan anki jekk dan ikun istituzzjoni

kostituzzjonalment indipendenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Il-Kummissjoni vs Franza (Taxxa minn ras il-għajn), C-416/17, EU:C:2018:811, punti 106 u 107 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

101 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-ġurisprudenza tal-qorti kostituzzjonali ta' Stat Membru tista' tkun is-suġġett ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu meta din tkun tista' tikkostitwixxi nuqqas ta' twettiq ta' obbligu minn dan l-Istat Membru li jwettaq l-obbligi tiegħu li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni.

– *Fuq l-ewwel parti tal-ewwel ilment*

102 Hija ġurisprudenza stabbilita li, għalkemm l-organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri, b'mod partikolari t-twaqqif, il-kompożizzjoni, il-kompetenzi u l-funzjonament tal-qrati nazzjonali, taqa' taħt il-kompetenza ta' dawn l-Istati, dawn xorta waħda huma obbligati, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, li josservaw l-obbligi tagħhom taħt id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, taħt l-Artikoli 2 u 19 TUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' April 2021, Repubblika, C-896/19, EU:C:2021:311, punt 48, kif ukoll tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin), C-204/21, EU:C:2023:442, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

103 B'mod iktar partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli li huma jistabbilixxu skont l-imsemmija kompetenza ma jiksrux ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikoli 2 u 19 TUE u lanqas ma jippreġudikaw l-applikazzjoni effettiva tagħhom.

104 Dan japplika, b'mod partikolari, fir-rigward tar-regoli nazzjonali relatati mal-kundizzjonijiet sostantivi u l-modalitajiet proċedurali li jirregolaw l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li jaħtru l-imħallfin u, fejn applikabbli, ir-regoli relatati mal-istħarriġ ġudizzjarju applikabbli fil-kuntest ta' tali proċeduri ta' ħatra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A.B. *et* (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema – Rikors), C-824/18, EU:C:2021:153, punt 68 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

105 Fir-rigward tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 19(1) TUE, din id-dispożizzjoni, li tikkonkretizza l-valur tal-Istat tad-dritt iddikjarat fl-Artikolu 2 TUE, tafda lill-qrati nazzjonali u lill-Qorti tal-Ġustizzja bil-kompitu li jiżguraw l-applikazzjoni sħiħa tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha kif ukoll il-protezzjoni ġudizzjarja li l-partijiet fil-kawża jisiltu minn dan id-dritt (sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2021, Euro Box Promotion *et*, C-357/19, C-379/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19, EU:C:2021:1034, punt 217, kif ukoll tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punt 39).

106 Il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li l-partijiet fil-kawża jisiltu mid-dritt tal-Unjoni, li għalih jirreferi wkoll it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li joħroġ mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri. Tali protezzjoni ġudizzjarja hija stabbilita wkoll fl-Artikoli 6 u 13 tal-KEDB, li s-sustanza tagħhom tikkorrispondi għall-Artikolu 47 tal-Karta. Din l-aħħar dispożizzjoni għandha, għaldaqstant, tittieħed debitament inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-imsemmi tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Marzu 2022, Getin Noble Bank, C-132/20, EU:C:2022:235, punt 89, kif ukoll tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin), C-204/21, EU:C:2023:442, punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata).

107 Sabiex din il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tiġi ggarantita, kull Stat Membru għandu, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, jiżgura li l-istanzi li huma msejħa, bħala "qorti" fis-sens iddefinit mid-dritt tal-Unjoni, jiddeċiedu dwar kwistjonijiet ta' applikazzjoni jew ta' interpretazzjoni ta' dan id-dritt u li għalhekk jaqgħu taħt is-sistema ta' rimedji ġudizzjarji tiegħu fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti meħtieġa minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva, li fosthom hemm, b'mod partikolari, il-garanziji ta' aċċess għal qorti indipendenti, imparzjali u stabbilita minn qabel bil-liġi, kif jikkonferma t-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2021, Euro Box Promotion *et*, C-357/19, C-379/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19, EU:C:2021:1034, punti 220 u 221; tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punt 40; u tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin), C-204/21, EU:C:2023:442, punti 70 u 71 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

108 B'mod partikolari, għandu jiġi enfasizzat li r-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' imparzjalità jagħmlu parti mill-kontenut essenzjali tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tad-dritt għal smigħ xieraq, li għandu importanza kardinali sa fejn jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet kollha li l-partijiet fil-kawża jgawdu taħt id-dritt tal-Unjoni u l-ħarsien tal-valuri komuni għall-Istati Membri stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE, b'mod partikolari tal-valur tal-Istat tad-dritt. Dawn ir-rekwiżiti previsti b'mod partikolari fl-Artikolu 19 TUE jikkonkretizzaw għalhekk wieħed mill-valuri fundamentali tal-Unjoni u tal-Istati Membri stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE, li jiddefinixxu l-identità stess tal-Unjoni bħala ordinament ġuridiku komuni u li l-osservanza tagħhom hija imposta kemm fuq l-Unjoni kif ukoll fuq l-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Marzu 2020, Eżami mill-ġdid Simpson vs Il-Kunsill u HG vs Il-Kummissjoni, C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2020:232), punt 71; tad-29 ta' Marzu 2022, Getin Noble Bank, C-132/20, EU:C:2022:235, punt 94; kif ukoll tad-29 ta' Lulju 2024, Valančius, C-119/23, EU:C:2024:653, punti 46 u 47).

109 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li hija l-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-missjoni fdata lilha mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li għandha tiżgura l-osservanza tad-dritt fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tat-Trattati.

110 Kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tipprovdi l-interpretazzjoni definittiva u vinkolanti tad-dritt tal-Unjoni, hija għandha tippreċiża r-rekwiżiti li jirriżultaw mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta, fir-rigward tal-kriterji ta' indipendenza, ta' imparzjalità u ta' stabbiliment minn qabel mil-liġi tal-qrati. Sabiex tiġi ggarantita applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha, kif meħtieġ mill-Artikolu 19(1) TUE, dawn ir-rekwiżiti ma jistgħux jiddependu mill-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, u lanqas mill-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni adottata minn qorti nazzjonali, li ma tikkorrispondix għal dik tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin), C-204/21, EU:C:2023:442, punt 79 u l-ġurisprudenza ċċitata).

111 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-proċedura tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari prevista fl-Artikolu 267 TFUE tistabbilixxi djalogu ġudizzjarju bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati tal-Istati Membri, bl-għan speċifiku li tiġi żgurata l-unità fl-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u b'dan il-mod tippermetti li jiġu żgurati l-koerenza, l-effett sħiħ u l-awtonomija tiegħu kif ukoll,

fl-aħħar mill-aħħar, in-natura proprja tad-dritt stabbilit mit-Trattati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin), C-791/19, EU:C:2021:596, punt 222 u l-ġurisprudenza ċċitata).

112 Huwa għalhekk dan l-approċċ li qorti nazzjonali għandha tieħu meta jkollha dubji dwar il-kompatibbiltà tad-dritt nazzjonali tagħha ma' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li teħtieġ l-interpretazzjoni ta' din tal-aħħar.

113 Fir-rigward tal-verifika tal-osservanza tar-rekwiżiti li jirriżultaw mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, huwa stabbilit li din id-dispożizzjoni timponi fuq l-Istati Membri obbligu ta' riżultat ċar u preċiż, li ma huwa akkumpanjat minn ebda kundizzjoni f'dak li jirrigwarda l-indipendenza li għandha tikkaratterizza l-qrati msejħa sabiex jinterpretaw u japplikaw id-dritt tal-Unjoni(sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A.B. *et* (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema – Rikors), C-824/18, EU:C:2021:153, punt 146).

114 Għaldaqstant, il-qrati nazzjonali inkarigati li japplikaw, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, id-dritt tal-Unjoni huma obbligati jiggarantixxu l-effett sħiħ tar-rekwiżiti ta' dan id-dritt u għalhekk ta' dan it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1), billi jekk ikun hemm bżonn ma japplikawx, minħabba l-effett dirett ta' din id-dispożizzjoni, kull dispożizzjoni nazzjonali li tmur kontrih (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2019, Popławski, C-573/17, EU:C:2019:530, punt 61, u tal-21 ta' Diċembru 2021, Euro Box Promotion *et*, C-357/19, C-379/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19, EU:C:2021:1034, punt 252 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

115 Għalhekk, fil-każ ta' ksur ipprovat tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jeżiġi li l-qrati nazzjonali inkarigati li japplikaw, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, id-dritt tal-Unjoni ma japplikawx, fuq awtorità tagħhom stess, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jmorru kontra dan it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, kemm jekk dawn ikunu ta' oriġini leġiżlattiva jew kostituzzjonali, mingħajr ma jkollhom jitolbu jew jistennew it-tħassir minn qabel tal-imsemmija dispożizzjonijiet permezz ta' leġiżlazzjoni jew permezz ta' kwalunkwe proċedura kostituzzjonali oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 251, kif ukoll tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

116 L-osservanza ta' dan l-obbligu li tiġi applikata b'mod sħiħ kull dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li għandha effett dirett għandha titqies li hija indispensabbli sabiex tiġi ggarantita l-applikazzjoni sħiħa tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha, kif meħtieġ mill-Artikolu 19(1) TUE (sentenza tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punt 54).

117 Konsegwentement, hija inkompatibbli mar-rekwiżiti inerenti għan-natura stess tad-dritt tal-Unjoni kull dispożizzjoni ta' ordinament ġuridiku nazzjonali jew kull prassi leġiżlattiva, amministrattiva jew ġudizzjarja, li jkollha bħala effett li tnaqqas l-effettività tad-dritt tal-Unjoni billi tirrifjuta lill-qorti kompetenti sabiex tapplika dan id-dritt is-setgħa li tagħmel, fil-mument stess ta' din l-applikazzjoni, dak kollu li jkun neċessarju sabiex jitwarrbu d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali li potenzjalment ikunu ta' ostakolu għall-effettività sħiħa tar-regoli

direttament applikabbli tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin), C-204/21, EU:C:2023:442, punt 272 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

118 Huwa għalhekk li, fis-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A.B. *et* (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema – Rikors), C-824/18, EU:C:2021:153), il-Qorti tal-Ġustizzja, li kienet ġiet adita b'talba għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE fil-kuntest ta' rikors ippreżentat minn kandidati għal pożizzjonijiet ta' mħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) kontra riżoluzzjonijiet tal-KRS, iddeċidiet essenzjalment, fil-punti 128, 136 u 139 ta' din is-sentenza, li din id-dispożizzjoni tipprekludi emendi leġiżlattivi nazzjonali li jċaħħdu l-effettività u sussegwentement ineħħu kompletament l-istħarriġ ġudizzjarju tar-riżoluzzjonijiet adottati minn korp ta' dan it-tip fil-kuntest tal-proċeduri ta' ħatra tal-imħallfin. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, jekk tali korp ma joffrix garanziji ta' indipendenza suffiċjenti, l-eżistenza ta' rimedju ġudizzjarju miftuħ għall-kandidati mhux magħżula, anki jekk tkun limitata għall-verifika tal-assenza ta' eċċess jew ta' użu ħażin ta' poter, ta' żball ta' liġi jew ta' żball manifest ta' evalwazzjoni, hija neċessarja sabiex jiġi ppreżervat il-proċess ta' ħatra tal-imħallfin minn influwenzi diretti jew indiretti.

119 Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll, fl-imsemmija sentenza, ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' supremazija li kellhom il-qorti tar-rinviju fl-assenza ta' indikazzjoni, mil-leġiżlatur nazzjonali, ta' qorti, li ma kinitx il-qorti tar-rinviju, li tissodisfa r-rekwiżiti ta' indipendenza li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni u li hija mitluba, wara li tkun irċeviet risposta mill-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi li l-qorti tar-rinviju tkun għamlitilha, tiddeċiedi t-tilwim li din tal-aħħar kienet adita bihom. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fil-punt 149 tal-istess sentenza, li, f'dan il-każ, l-uniku mod effettiv għall-qorti tar-rinviju li tirrimedja l-ksur tal-Artikolu 267 TFUE u tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE li kien jirriżulta mill-adozzjoni tal-liġi nazzjonali inkwistjoni, li essenzjalment ċaħħditha minn kull ġurisdizzjoni effettiva sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu f'dawn l-istess tilwimiet billi stħarrġet ir-riżoluzzjonijiet tal-KRS, kienet tikkonsisti għal dik il-qorti li tkompli tassumi l-ġurisdizzjoni li abbażi tagħha hija kienet adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari skont ir-regoli nazzjonali applikabbli sa dak iż-żmien.

120 Barra minn hekk, fil-punti 154, 155 u 161 tas-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra), C-487/19, EU:C:2021:798), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat l-obbligi li għandha l-qorti nazzjonali li tkun ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja meta dik il-qorti tasal għall-konklużjoni li mill-kundizzjonijiet u miċ-ċirkustanzi kollha relatati mal-proċess ta' ħatra ta' mħallef nazzjonali jirriżulta li din saret bi ksur manifest tar-regoli fundamentali li jagħmlu parti mill-istabbiliment u mill-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja kkonċernata u li l-integrità tar-riżultat li wassal għalih l-imsemmi proċess titqiegħed f'perikolu billi jinħolqu dubji leġittimi, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-imħallef ikkonċernat. F'tali każ, mir-rekwiżiti stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u mill-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jirriżulta li dik il-qorti nazzjonali għandha tieħu d-deċiżjoni inkwistjoni mogħtija minn dik il-qorti bħala ineżistenti, meta tali konsegwenza tkun indispensabbli fid-dawl tas-sitwazzjoni proċedurali inkwistjoni sabiex tiġi ggarantita s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, mingħajr ma ebda dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali tkun tista' topponiha.

121 F'dan il-każ, mis-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021 jirriżulta li l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni Pollakka mogħtija mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) f'din is-sentenza tipprekludi li r-rekwiżiti li jirriżultaw mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi msemmija b'mod partikolari fil-punti 118 sa 120 ta' din is-sentenza, jista' jkollhom l-effetti tagħhom fil-Polonja u jiżguraw l-effettività sħiħa ta' din id-dispożizzjoni.

122 Fil-fatt, fl-ewwel lok, kif irrileva l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 50 tal-konklużjonijiet tiegħu, mill-punt 2(b) u mill-punt 3(b) tad-dispożittiv kif ukoll tal-punti 6.2, 6.4, 6.5, 8.3 u 8.5 tal-motivi legali tas-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021 jirriżulta li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) tiċħad l-effetti li jirriżultaw, għall-qrati nazzjonali, mill-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, billi teskludi, b'mod ġenerali, il-kompetenza tagħhom sabiex jistħarrġu l-legalità tar-riżoluzzjonijiet tal-KRS li jipproponu l-ħatra ta' kandidati għal funzjonijiet ġudizzjarji.

123 Fit-tieni lok, kif irrileva l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 51 tal-konklużjonijiet tiegħu, mill-punt 3(a) u (c) tad-dispożittiv kif ukoll mill-punti 6.4 u 8.4 tal-motivi legali tas-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021 jirriżulta li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) teskludi, b'mod ġenerali, il-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali, li tirriżulta mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, sabiex jistħarreġ, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, il-legalità tal-proċeduri ta' ħatra tal-imħallfin, inklużi l-atti ta' ħatra, sabiex jiddeċiedu dwar in-natura difettuża tal-proċess ta' ħatra ta' mħallef u, konsegwentement, sabiex iqisu bħala ineżistenti d-deċiżjoni mogħtija minn imħallef maħtur fil-kuntest ta' tali proċedura, meta tali konsegwenza tkun indispensabbli fid-dawl tas-sitwazzjoni proċedurali inkwistjoni.

124 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-fatt li qorti nazzjonali teżerċita l-kompiti fdati lilha mit-Trattati u tosserva l-obbligi li hija għandha bis-saħħa tagħhom, billi tagħti effett lil dispożizzjoni bħat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, ma jistax, mid-definizzjoni tiegħu stess, jiġi pprojbit lilha (sentenza tat-13 ta' Lulju 2023, YP *et* (Tneħħija tal-immunità u sospensjoni ta' mħallef), C-615/20 u C-671/20, EU:C:2023:562, punt 85 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

125 Għaldaqstant, is-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021 tipprekludi lill-qrati Pollakki milli japplikaw, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari fis-sentenzi msemmija fil-punti 118 sa 120 ta' din is-sentenza, u jimplimentaw kull miżura neċessarja sabiex jiġi żgurat l-osservanza tad-dritt tal-partijiet f'kawża kkonċernati għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. Is-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021 hija, għalhekk, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punti 103, 104, 107, 110, 117 u 119 ta' din is-sentenza, manifestament inkompatibbli mar-rekwiżiti inerenti għal din id-dispożizzjoni, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja abbażi tal-ġurisdizzjoni esklużiva tagħha sabiex tipprovdi l-interpretazzjoni definittiva u vinkolanti tad-dritt tal-Unjoni.

126 Minn dan jirriżulta li r-Repubblika tal-Polonja, fid-dawl tal-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni Pollakka mogħtija mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fis-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

127 Għaldaqstant, l-ewwel parti tal-ewwel ilment tal-Kummissjoni għandha tintlaqa'.

– *Fuq it-tieni parti tal-ewwel ilment*

128 It-tieni parti tal-ewwel ilment tikkonċerna s-sentenza tal-14 ta' Lulju 2021, li permezz tagħha t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) ikkontestat l-applikazzjoni diretta tal-miżuri provviżorji imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 279 TFUE, fid-digriet tat-8 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-791/19 R, EU:C:2020:277).

129 Konformement mal-kunsiderazzjonijiet li jinsabu b'mod partikolari fil-punti 102 sa 104, 107, 109 u 110 ta' din is-sentenza, l-istħarriġ tal-osservanza, mill-Istati Membri, tar-rekwiżiti li jirriżultaw mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, jaqa' kompletament taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari meta tiġi adita b'rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin), C-204/21, EU:C:2023:442, punt 62 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

130 Sabiex tiġi ggarantita l-effettività sħiħa ta' deċiżjoni definittiva li għandha tingħata u sabiex tiġi evitata lakuna fil-protezzjoni ġuridika żgurata mill-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll sabiex tiġi ggarantita l-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni, li hija inerenti għall-valur tal-Istat tad-dritt stabbilit fl-Artikolu 2 TUE u li fuqu hija bbażata l-Unjoni, l-Artikolu 279 TFUE jagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-ġurisdizzjoni sabiex tippreskrivi, fuq talba ta' parti ppreżentata fil-kuntest ta' proċeduri għal miżuri provviżorji, kull miżura provviżorja li hija tqis neċessarja (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-20 ta' Novembru 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-441/17 R, EU:C:2017:877, punti 94, 97 u 102).

131 Konsegwentement, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-ġustizzja jistgħu jkunu s-suġġett, fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, mhux biss ta' stħarriġ fid-dawl tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, iżda wkoll ta' miżuri provviżorji, ordnati mill-Qorti tal-Ġustizzja u intiżi, b'mod partikolari, għas-sospensjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-Viċi Presidenta tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-204/21 R, EU:C:2021:593, punt 54).

132 F'dan ir-rigward, mill-Artikolu 160(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li miżura provviżorja tista' tingħata mill-imħallef għal miżuri provviżorji jekk jiġi stabbilit li l-għoti tagħha huwa ġġustifikat *prima facie* fil-fatt u fid-dritt (*fumus boni juris*) u li hija urġenti fis-sens li huwa neċessarju, sabiex jiġi evitat dannu gravi u irreparabbli għall-interessi tar-rikorrenti jew sabiex tiġi żgurata l-osservanza ta' miżuri provviżorji oħra diġà ordnati preċedentement, li din tiġi adottata u tipproduċi l-effetti tagħha qabel id-deċiżjoni fuq il-mertu, fejn l-imħallef għal miżuri provviżorji għandu, jekk ikun il-każ, jibbilanċja l-interessi inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, id-digrieti tal-20 ta' Novembru 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-441/17 R, EU:C:2017:877, punti 99 u 104, kif ukoll tas-17 ta' Diċembru 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-619/18 R, EU:C:2018:1021, punt 29).

133 Issa, l-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni titqiegħed inkwistjoni jekk dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali tkun tista' tipprekludi r-rikonoxximent tal-effett vinkolanti ta' miżuri provviżorji ordnati mill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 279 TFUE u tipprekludi, konsegwentement, lill-qorti nazzjonali adita b'tilwima rregolata mid-dritt tal-Unjoni milli tagħti effett lil dawn il-miżuri provviżorji sabiex tiġi ggarantita b'mod partikolari l-effettività sħiħa tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tingħata dwar l-eżistenza tad-drittijiet invokati taħt id-dritt tal-Unjoni.

134 Fid-digriet tat-8 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-791/19 R, EU:C:2020:277), il-Qorti tal-Ġustizzja ordnat, abbażi tal-Artikolu 279 TFUE, is-sospensjoni, sal-għoti tas-sentenza li għandha ttemm l-istanza fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-791/19), tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet Pollakki li jagħtu lill-Awla Dixxiplinari l-kompetenza sabiex tiddeċiedi, kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fl-appell, fil-kawżi dixxiplinari dwar l-imħallfin. Barra minn hekk, f'dan id-digriet, il-Qorti tal-Ġustizzja ordnat lir-Repubblika tal-Polonja tastjeni, sal-għoti ta' din is-sentenza, milli tibgħat il-kawżi pendenti quddiem l-Awla Dixxiplinari lil kulleġġ ġudikanti li ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' indipendenza ddefiniti, b'mod partikolari, fis-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982).

135 Fil-punt 77 tal-imsemmi digriet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, essenzjalment, li ma setax, *prima facie*, jiġi eskluż li d-dispożizzjonijiet nazzjonali li l-Kummissjoni talbet is-sospensjoni tagħhom kienu jiksru l-obbligu tar-Repubblika tal-Polonja, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li tiggarantixxi li d-deċiżjonijiet mogħtija fil-kuntest ta' proċeduri dixxiplinari li jikkonċernaw l-imħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) u tal-qrati ordinarji jiġu mistħarrġa minn istanza li tissodisfa r-rekwiżiti inerenti għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, fosthom dik tal-indipendenza.

136 Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet, fil-punt 78 tal-istess digriet li, fid-dawl tal-punti ta' fatt imressqa mill-Kummissjoni kif ukoll tal-elementi ta' interpretazzjoni pprovduti, b'mod partikolari, mis-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531), u mis-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982), l-argumenti mressqa minn din l-istituzzjoni fil-kuntest tat-tieni lment tal-ewwel motiv tar-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-791/19), li fuqha kienet ibbażata t-talba għal miżuri provviżorji li wasslu għall-adozzjoni ta' dan id-digriet, kienu jidhru, *prima facie*, li ma kinux nieqsa minn bażi serja.

137 Kif jirriżulta mill-punt 53 tad-digriet tat-8 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-791/19 R, EU:C:2020:277), it-tieni lment tal-ewwel motiv ta' dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kien ibbażat fuq ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, sa fejn ir-Repubblika tal-Polonja ma kinitx tiggarantixxi l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Awla Dixxiplinari.

138 Il-miżuri provviżorji ordnati mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dan id-digriet kienu għalhekk intiżi sabiex jiggarantixxu l-effettività sħiħa tas-sentenza li għandha tingħata li ttemm l-istanza fir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-791/19), li tippermetti li tiġi evitata lakuna fil-protezzjoni ġuridika żgurata mill-Qorti tal-Ġustizzja skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

139 F'dan il-każ, fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 2021, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet li l-miżuri provviżorji ordnati mill-Qorti tal-Ġustizzja fid-digriet tat-8 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-791/19 R, EU:C:2020:277), kienu ġew adottati *ultra vires* peress li t-Trattati ma jagħtux kompetenza lill-Unjoni f'dak li jirrigwarda l-organizzazzjoni u l-kompetenzi tal-qrati Pollakki kif ukoll il-proċedura quddiem dawn il-qrati. Skont din is-sentenza, dawn il-miżuri kienu inkompatibbli man-natura obbligatorja *erga omnes* u definittiva tas-sentenzi tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), li tirriżulta mill-Artikolu 190(1) tal-Kostituzzjoni Pollakka.

140 Għalhekk minn din is-sentenza jirriżulta li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) ikkontestat il-prinċipju stess tal-obbligu tar-Repubblika tal-Polonja li tosserva l-obbligi li jirriżultaw, għal din tal-aħħar, fil-qasam tal-organizzazzjoni tal-ġustizzja, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, kif ikkonstatat b'mod partikolari fil-punti 102 sa 104 ta' din is-sentenza. Permezz tal-imsemmija sentenza, dik il-qorti fuq kollox irrifjutat li tirrikonoxxi, b'mod ġenerali u bi ksur manifest ta' dak li ġie kkonstatat fil-punti 130 sa 132 ta' din is-sentenza, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tordna, skont l-Artikolu 279 TFUE, miżuri provviżorji intiżi li jippreżervaw id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva quddiem qorti indipendenti fil-Polonja, previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

141 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li r-Repubblika tal-Polonja, fid-dawl tal-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni Pollakka mogħtija mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju 2021, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

142 Minn dan isegwi li t-tieni parti tal-ewwel ilment tal-Kummissjoni hija fondata wkoll u li dan l-ilment għandu, konsegwentement, jintlaqa' fit-totalità tiegħu.

Fuq it-tieni lment

L-argumenti tal-partijiet

143 Permezz tat-tieni lment tagħha, li jinkludi żewġ partijiet, il-Kummissjoni ssostni li r-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt il-prinċipji ta' awtonomija, ta' supremazija, ta' effettività u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-prinċipju ta' effett vinkolanti tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dan in-nuqqas jirriżulta mill-fatt li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), fis-sentenzi kontenzjużi, wettqet interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni Pollakka li għandha l-effett li tiċħad unilateralment il-prinċipju ta' supremazija u l-effettività ta' dispożizzjonijiet fundamentali tat-Trattati bħall-Artikolu 2, l-Artikolu 4(3), l-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll l-Artikolu 279 TFUE, u ordnat lill-korpi Pollakki kollha sabiex ma japplikawx dawn id-dispożizzjonijiet. Għalhekk, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) tipprekludi lill-korpi nazzjonali milli japplikaw b'mod effettiv it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u milli jikkonformaw ruħhom mal-miżuri provviżorji imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja.

144 Fil-kuntest tal-ewwel parti tat-tieni lment tagħha, il-Kummissjoni tosserva li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet, fis-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021, li l-Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari fis-sentenzi tat-2 ta' Marzu 2021, A.B. *et* (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema – Rikors), C-824/18, EU:C:2021:153), u tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra) (C-487/19, EU:C:2021:798), kienu inkompatibbli mal-Kostituzzjoni Pollakka. Barra minn hekk, filwaqt li rreferiet għan-natura obbligatorja *erga omnes* u definittiva tas-sentenzi tagħha konformement mal-Artikolu 190(1) tal-Kostituzzjoni Pollakka, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) ipprojbixxiet, fis-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021, lill-korpi kollha tal-awtoritajiet pubbliċi Pollakki, b'mod partikolari lill-qrati, milli japplikaw dawn ir-regoli tat-Trattat UE, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja.

145 Konsegwenza speċifika tas-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021 tkun il-projbizzjoni fuq il-qrati Pollakki milli jiżguraw li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzatat-2 ta' Marzu 2021, A.B. *et* (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema – Rikors), C-824/18, EU:C:2021:153), jagħmel użu mill-effetti kollha tiegħu, peress li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fil-fatt qieset li tali interpretazzjoni kienet inkompatibbli mal-Artikolu 8(1) tal-Kostituzzjoni Pollakka sa fejn, skont l-imsemmija interpretazzjoni, dan it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) jeżiġi li r-riżoluzzjonijiet tal-KRS li jipproponu l-ħatra ta' kandidati għal pożizzjonijiet ta' mħallef fis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) jistgħu jkunu s-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju.

146 Barra minn hekk, il-qrati Pollakki huma obbligati jastjenu milli jiżguraw l-effettività tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompetenzi tal-qrati nazzjonali fil-qasam tal-istħarriġ tal-konformità ta' qorti mar-rekwiżit, li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni, ta' qorti indipendenti stabbilita minn qabel bil-liġi meta dan l-istħarriġ iwassal għall-evalwazzjoni tal-proċedura ta' ħatra ta' mħallef.

147 F'dan ir-rigward, mill-punti 8.3 sa 8.6 tal-motivi legali tas-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021 jirriżulta b'mod partikolari li l-interpretazzjoni, mill-Qorti tal-Ġustizzja, tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE li tippermetti lill-qrati nazzjonali kompetenti jwettqu stħarriġ ġudizzjarju effettiv tar-riżoluzzjonijiet tal-KRS, billi minħabba f'hekk, jekk ikun il-każ, ma jiġux applikati dispożizzjonijiet nazzjonali u l-ġurisprudenza tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), kif ukoll għal evalwazzjoni tar-regolarità tal-proċedura ta' ħatra ta' mħallef sabiex jiġi ppreżervat id-dritt tal-partijiet għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, ġie deċiż mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) bħala *ultra vires* u bħala li jippreġudika illegalment l-identità kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Polonja.

148 Fil-fatt, minn naħa, il-kompetenza tal-qrati nazzjonali sabiex jistħarrġu r-regolarità tal-proċedura ta' ħatra tal-imħallfin twassal, skont it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), sabiex tillimita l-prerogattiva kostituzzjonali tal-President tar-Repubblika tal-Polonja li jaħtar persuna għal pożizzjoni ta' mħallef fuq proposta tal-KRS. Min-naħa l-oħra, l-applikazzjoni, mill-qrati Pollakki, tar-rekwiżit ta' qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi, konformement mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, twassal sabiex tiġi kkontestata l-legalità tal-atti ta' ħatra għal pożizzjoni ta' mħallef maħruġa mill-President tar-Repubblika tal-Polonja, minkejja li dawn l-atti ma jistgħux ikunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju minħabba l-prerogattiva rrikonoxxuta lilha, u li t-tneħħija jew l-istħarriġ tal-ħatra tal-imħallfin ladarba din tiġi deċiża minn dan l-istess president, hija pprojbita, konformement mad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 179 u tal-punt 17 tal-Artikolu 144(3) tal-Kostituzzjoni Pollakka.

149 Barra minn hekk, fil-punti 2.4 u 4.1 tal-motivi legali tas-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet li l-Artikolu 4(2) TUE jiddefinixxi l-limiti tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja bl-għan li tiġi osservata l-identità kostituzzjonali tal-Istati Membri kif ukoll il-funzjonijiet essenzjali tal-Istat.

150 Fir-rigward tal-effetti ta' din is-sentenza, mit-Taqsima 10 tal-motivi legali tagħha jirriżulta li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) mhux biss ipprojbixxiet lill-qrati Pollakki milli japplikaw b'mod effettiv it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE b'mod konformi mal-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja u milli jekk ikun hemm bżonn ma japplikawx, fuq inizjattiva tagħhom stess, id-dispożizzjonijiet nazzjonali kuntrarji għal

din l-interpretazzjoni, iżda qieset ukoll li l-interpretazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, moqrija flimkien mal-Artikolu 2 TUE kienet nieqsa minn effetti legali fl-ordinament ġuridiku Pollakk.

151 Fl-aħħar nett, il-punt 1 tad-dispożittiv tal-imsemmija sentenza jinkludi affermazzjoni "ta' tħassib serju ħafna" fir-rigward tal-aċċettazzjoni mir-Repubblika tal-Polonja tal-konsegwenzi ġuridiċi li jirriżultaw mill-adeżjoni tagħha mal-Unjoni. Madankollu, din l-affermazzjoni hija fformulata b'mod ambigwu, li jagħmilha diffiċli, jekk mhux impossibbli, li jiġu dedotti konsegwenzi ġuridiċi preċiżi.

152 Minn naħa, l-imsemmija affermazzjoni tista' tiġi interpretata bħala li tirrifletti kontestazzjoni mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), tal-validità attwali tad-dispożizzjonijiet l-iktar fundamentali tat-Trattati, jiġifieri l-ewwel u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 kif ukoll l-Artikolu 4(3) TUE, peress li din il-kontestazzjoni hija għalhekk ibbażata fuq id-"dikjarazzjoni provokattiva" li l-integrazzjoni Ewropea ħadet stadju ġdid li fih il-korpi tal-Unjoni jaġixxu barra mil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilhom, bil-konsegwenza li l-Kostituzzjoni Pollakka ma hijiex ir-regola suprema tar-Repubblika tal-Polonja u li dan l-Istat Membru ma jistax jibqa' jiffunzjona bħala Stat sovran u demokratiku. Tali pożizzjoni tikkostitwixxi attakk frontali kontra l-kunċett stess tal-Unjoni bħala ordinament ġuridiku komuni għall-Istati Membri, ibbażat fuq il-valuri msemmija fl-Artikolu 2 TUE, u li fil-kuntest tiegħu kull azzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni taqa' u hija preżunta li hija konformi mal-prinċipju ta' attribuzzjoni tal-kompetenzi stabbilit fl-Artikolu 5(2) TUE.

153 Min-naħa l-oħra, l-affermazzjoni li tinsab fil-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021 tista' wkoll tiġi pperċepita bħala li tirreferi għal sitwazzjoni li għadha ma seħħitx, u li fir-rigward tagħha t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) ħarġet "riżerva" filwaqt li fakkret l-importanza li jiġi osservat il-prinċipju ta' attribuzzjoni ta' kompetenzi sabiex tinżamm l-integrazzjoni Ewropea fil-limiti ddefiniti mit-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni. L-"osservazzjonijiet finali" li jinsabu fit-Taqsima 11 tal-motivi legali ta' din is-sentenza jidhru, sa ċertu punt, li jikkonfermaw tali interpretazzjoni, peress li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) issemmi l-possibbiltà li l-atti normattivi tal-Unjoni kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jiġu suġġetti għal stħarriġ ta' kostituzzjonalità fis-sitwazzjoni ipotetika futura fejn l-attività tal-Qorti tal-Ġustizzja tista' titqies li tidħol fuq il-kompetenzi esklużivi tal-Istat Pollakk.

154 Il-Kummissjoni żżid li s-siltiet tas-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021 dwar l-istituzzjonijiet tal-Unjoni li allegatament jaġixxu lil hinn mill-kompetenzi mogħtija lilhom u dwar in-natura inkundizzjonalment superjuri tal-Kostituzzjoni Pollakka sempliċement isaħħu t-tħassib serju tagħha dwar il-konsegwenzi ġenerali tal-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni Pollakka mogħtija mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) f'dak li jirrigwarda d-dritt tal-Unjoni. Sa fejn tali dikjarazzjonijiet ambigwi jikkontribwixxu sabiex jikkontestaw kemm l-applikazzjoni effettiva tal-Artikolu 4(3) TUE, il-prinċipju ta' supremazija u l-effettività tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni eżaminati f'din is-sentenza, dawn jaggravaw fi kwalunkwe każ il-ksur tal-prinċipji ta' awtonomija, ta' supremazija, ta' effettività u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-prinċipju ta' effett vinkolanti tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja.

155 Permezz tat-tieni parti tat-tieni lment tagħha, il-Kummissjoni tirrileva li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 2021, injorat l-effett vinkolanti tal-miżuri provviżorji kollha ordnati mill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 279 TFUE f'dak li jirrigwarda l-organizzazzjoni, il-kompetenzi u l-eżerċizzju

tal-ġurisdizzjoni tal-qrati Pollakki kif ukoll il-proċedura quddiem dawn il-qrati. Fil-fatt, fil-motivi legali ta' din is-sentenza, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet li l-miżuri provviżorji ordnati mill-Qorti tal-Ġustizzja fid-digriet tat-8 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-791/19 R, EU:C:2020:277), jiksru l-prinċipju ta' attribuzzjoni ta' kompetenzi kif ukoll l-identità kostituzzjonali Pollakka, u huma inkompatibbli mal-prinċipju kostituzzjonali tal-Istat tad-dritt demokratiku, stabbilit fl-Artikolu 2 tal-Kostituzzjoni Pollakka.

156 Barra minn hekk, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) affermat espliċitament is-supremazija tal-Kostituzzjoni Pollakka, bħala sors suprem tad-dritt fil-Polonja, fuq dan id-digriet u għalhekk irrifjutat li tirrikonoxxi li l-imsemmi digriet jipprevali fuq id-dispożizzjonijiet nazzjonali, filwaqt li enfasizzat f'dan ir-rigward li dan kien ġie adottat *ultra vires* u li kien imur kontra l-Kostituzzjoni Pollakka. It-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) iddikjarat ukoll mhux kostituzzjonali kull miżura provviżorja futura meħuda skont l-Artikolu 279 TFUE dwar is-sistema ġudizzjarja Pollakka, u b'hekk ċaħdet tali miżuri minn kull effett legali vinkolanti fil-Polonja, bi ksur tal-prinċipji ta' supremazija u ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-prinċipju ta' natura vinkolanti tad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja.

157 Mid-dispożittiv tas-sentenza tal-14 ta' Lulju 2021 jirriżulta li l-Artikolu 4(3) TUE, moqri flimkien mal-Artikolu 279 TFUE, huwa kkunsidrat mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) bħala li jmur kontra diversi dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni Pollakka, jiġifieri l-Artikolu 2, li jistabbilixxi l-prinċipju tal-Istat tad-dritt, l-Artikolu 7, li jistabbilixxi l-prinċipju ta' legalità, l-Artikolu 8(1), li jistabbilixxi l-prinċipju ta' supremazija tal-Kostituzzjoni Pollakka, l-Artikolu 90(1), li jirregola t-trasferiment tal-kompetenzi tal-Istat lil organizzazzjoni intergovernattiva, jew ukoll l-Artikolu 4(1), li jistabbilixxi l-prinċipju ta' sovranità, minħabba l-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja imponiet *ultra vires* fuq ir-Repubblika tal-Polonja miżuri provviżorji dwar l-organizzazzjoni u l-ġurisdizzjoni tal-qrati Pollakki kif ukoll dwar il-proċedura quddiem dawn il-qrati.

158 Il-Kummissjoni tqis li din l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni Pollakka tikser l-Artikolu 4(3) TUE u l-Artikolu 279 TFUE kif ukoll il-prinċipji ta' supremazija u ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni u li, konsegwentement, hija tikkontesta l-applikazzjoni uniformi ta' dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattati kif ukoll in-natura awtonoma tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Barra minn hekk, billi tinjora n-natura legalment vinkolanti tal-miżuri provviżorji ordnati mill-Qorti tal-Ġustizzja kontra r-Repubblika tal-Polonja skont l-Artikolu 279 TFUE f'dak li jirrigwarda l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-qrati Pollakki, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) tikkontesta n-natura legalment vinkolanti tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja.

159 Ir-Repubblika tal-Polonja tqis li t-tieni lment huwa fondat.

160 Dan l-Istat Membru jżid li, minkejja li l-Istati Membri jirregolaw b'mod differenti, fil-kostituzzjonijiet rispettivi tagħhom, ir-relazzjoni bejn id-dritt kostituzzjonali nazzjonali u d-dritt tal-Unjoni, l-effettività ta' dan tal-aħħar ma tistax tvarja minn Stat Membru għal ieħor. It-twettiq tal-għanijiet tat-Trattati ma jkunx possibbli mingħajr applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, li, bħala prinċipju stabbilit sew, tipprevali fuq id-dritt nazzjonali, inkluż dak ta' livell kostituzzjonali. Barra minn hekk, hija biss il-Qorti tal-Ġustizzja li tista' tinterpreta d-dritt tal-Unjoni b'mod vinkolanti. Barra minn hekk, minkejja li d-deċiżjonijiet tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) huma definittivi, hija tista' titbiegħed minn perspettiva li hija esprimiet preċedentement. Fi kwalunkwe każ, f'dan il-każ, fid-dawl tal-kompożizzjoni irregolari ta' dik il-qorti u ta' diversi ċirkustanzi fattwali oħra mqajma f'din il-kawża, id-deċiżjonijiet tagħha jistgħu jiġu kkontestati.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

161 Permezz taż-żewġ partijiet tat-tieni lment tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-Kummissjoni ssostni, essenzjalment, li s-sentenzi kontenzjużi jiksru l-prinċipji ta' awtonomija, ta' supremazija, ta' effettività u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll il-prinċipju ta' effett vinkolanti tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

162 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni, essenzjalment, li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) qieset, minn naħa, billi bbażat ruħha fuq l-interpretazzjoni tagħha stess tad-dritt tal-Unjoni, li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri flimkien mal-Artikolu 2 TUE, kif ukoll il-miżuri provviżorji ordnati minnha skont l-Artikolu 279 TFUE, kienu ta' natura *ultra vires*, u qieset, min-naħa l-oħra, li din il-ġurisprudenza u dawn il-miżuri kienu jiksru, minħabba dan il-fatt, l-identità kostituzzjonali Pollakka kif ukoll diversi dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni Pollakka, b'mod partikolari dawk li jistabbilixxu s-supremazija tagħha. Billi ddeċidiet li l-imsemmija ġurisprudenza u l-imsemmija miżuri provviżorji ma kellhomx effetti legali fl-ordinament ġuridiku Pollakk, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) tipprekludi li l-korpi nazzjonali jkunu jistgħu japplikaw b'mod effettiv it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u jikkonformaw ruħhom ma' dawn l-istess miżuri provviżorji.

– Fuq in-nuqqas allegat tal-prinċipji ta' awtonomija, ta' supremazija, ta' effettività u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni

163 Il-ksur tal-prinċipji ta' awtonomija, ta' supremazija, ta' effettività u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni jista' jkun is-suġġett ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE (ara, fir-rigward tal-prinċipju ta' supremazija, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin), C-204/21, EU:C:2023:442, punti 271 u 287). Dawn il-prinċipji huma marbuta mill-qrib, b'tali mod li għandhom jiġu eżaminati flimkien.

164 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, konformement mal-ġurisprudenza stabbilita dwar it-Trattat KEE, dan, minkejja li ġie konkluż fil-forma ta' ftehim internazzjonali, jikkostitwixxi l-karta kostituzzjonali ta' komunità tad-dritt (ara, f'dan is-sens, l-Opinjoni 1/91 (Ftehim ŻEE – I), tal-14 ta' Diċembru 1991, EU:C:1991:490, punt 21).

165 Barra minn hekk u dejjem konformement ma' din il-ġurisprudenza stabbilita, it-Trattati Komunitarji, b'differenza mit-trattati internazzjonali ordinarji, stabbilixxew ordinament ġuridiku speċifiku ġdid, integrat fl-ordinament ġuridiku tal-Istati Membri mad-dħul fis-seħħ tagħhom u li huwa vinkolanti għall-qrati tagħhom. L-Istati Membri llimitaw, għall-benefiċċju ta' dan l-ordinament ġuridiku ġdid li għandu l-istituzzjonijiet tiegħu stess u li s-suġġetti tiegħu ma humiex biss l-Istati Membri, iżda wkoll iċ-ċittadini tagħhom, fl-oqsma ddefiniti mit-Trattati, id-drittijiet sovrani tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Frar 1963, van Gend à Loos, 26/62, EU:C:1963:1, p. 23, kif ukoll tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

166 Dan l-ordinament ġuridiku hekk maħluq u żviluppat mit-Trattati sussegwenti, fl-aħħar lok mit-Trattat ta' Lisbona, għandu qafas kostituzzjonali u prinċipji fundaturi li huma partikolari għalih, struttura istituzzjonali partikolarment elaborata kif ukoll ġabra kompleta ta' regoli ġuridiċi li jiżguraw il-funzjonament tagħha u tgawdi minn awtonomija fir-rigward tad-dritt tal-Istati Membri kif ukoll tad-dritt internazzjonali (ara, f'dan is-sens, l-Opinjoni 2/13 (Adeżjoni

tal-Unjoni għall-KEDB), tat-18 ta' Diċembru 2014, EU:C:2014:2454, punti 158 u 170 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u s-sentenza tas-16 ta' Frar 2022, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-157/21, EU:C:2022:98, punt 143).

167 Ma' dan jiżdiedu l-karatteristiċi essenzjali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni marbuta ma' din in-natura awtonoma, bħas-supremazija tiegħu fuq id-drittijiet tal-Istati Membri kif ukoll l-effett dirett ta' sensiela sħiħa ta' dispożizzjonijiet applikabbli għaċ-ċittadini tagħhom u għalihom stess. L-imsemmija karatteristiċi essenzjali taw lok għal nisġa strutturata ta' prinċipji, ta' regoli u ta' relazzjonijiet legali reċiprokament interdipendenti li jorbtu, b'mod reċiproku, lill-Unjoni stess u lill-Istati Membri tagħha, kif ukoll lill-Istati Membri bejniethom (ara, f'dan is-sens, l-Opinjoni 2/13 (Adeżjoni tal-Unjoni għall-KEDB), tat-18 ta' Diċembru 2014, EU:C:2014:2454, punti 166 u 167, kif ukoll l-Opinjoni 1/17 (Ftehim CETA Unjoni-Kanada), tat-30 ta' April 2019, EU:C:2019:341, punt 109 u l-ġurisprudenza ċċitata).

168 Fir-rigward tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, għandu jitfakkar li, fis-sentenza tal-15 ta' Lulju 1964, Costa (6/64, EU:C:1964:66, p. 1158 sa 1160), il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet dan il-prinċipju, mifhum bħala li jistabbilixxi l-preeminenza tad-dritt Komunitarju fuq id-dritt tal-Istati Membri. F'dan ir-rigward, hija kkonstatat li l-istabbiliment mit-Trattat KEE ta' ordinament ġuridiku tagħha, aċċettat mill-Istati Membri fuq il-bażi ta' reċiproċità, għandu bħala korollarju li ma jistgħux iħallu li tipprevali miżura unilaterali sussegwenti kontra dan l-ordinament ġuridiku, u lanqas jopponu għad-dritt imnissel mit-Trattat KEE b'regoli tad-dritt nazzjonali jkunu li jkunu, mingħajr ma jtellfu lil dan id-dritt in-natura Komunitarja tiegħu u mingħajr ma jpoġġu fid-dubju l-bażi legali tal-Komunità nnifisha. Barra minn hekk, il-forza eżekuttiva tad-dritt Komunitarju ma tistax tvarja minn Stat Membru għall-ieħor favur leġiżlazzjonijiet nazzjonali sussegwenti, mingħajr ma tiġi pperikolata l-kisba tal-għanijiet tat-Trattat KEE, u mingħajr ma tiġi pprovokata diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità pprojbita minn dan it-Trattat (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Euro Box Promotion *et*, C-357/19, C-379/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19, EU:C:2021:1034, punt 246).

169 Dawn il-karatteristiċi essenzjali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u l-importanza tar-rispett dovut lilu ġew, barra minn hekk, ikkonfermati mir-ratifika, mingħajr riżervi, tat-trattati li jemendaw it-Trattat KEE u, b'mod partikolari, tat-Trattat ta' Lisbona. Fil-fatt, meta adottat dan l-aħħar Trattat, il-Konferenza tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri xtaqet tfakkar espressament, fid-Dikjarazzjoni Nru 17 tagħha dwar is-supremazija, li, skont ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-Trattati u d-dritt adottat mill-Unjoni fuq il-bażi tat-Trattati jieħdu preċedenza fuq id-dritt tal-Istati Membri, fil-kundizzjonijiet iddefiniti minn din il-ġurisprudenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2021, Euro Box Promotion *et*, C-357/19, C-379/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19, EU:C:2021:1034, punt 248, kif ukoll tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin), C-204/21, EU:C:2023:442, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

170 Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat, b'mod konsistenti, il-ġurisprudenza preċedenti dwar il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, prinċipju li jimponi fuq l-istanzi kollha tal-Istati Membri li jagħtu effett sħiħ lid-diversi regoli tal-Unjoni, peress li d-dritt tal-Istati Membri ma jistax jaffettwa l-effett irrikonoxxut lil dawn id-diversi regoli fit-territorju tal-imsemmija Stati (sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2021, Euro Box Promotion *et*, C-357/19, C-379/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19, EU:C:2021:1034, punt 250, kif ukoll tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punt 50).

171 Għalhekk, skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, il-fatt li Stat Membru jinvoka dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, anki jekk ta' natura kostituzzjonali, ma jistax jippreġudika l-unità u l-effikaċja tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita sew, l-effetti marbuta mal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni huma imposti fuq il-korpi kollha ta' Stat Membru, mingħajr, b'mod partikolari, mad-dispożizzjonijiet nazzjonali, inklużi ta' natura kostituzzjonali, jistgħu jostakolaw dan il-prinċipju (sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2021, Euro Box Promotion *et*, C-357/19, C-379/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19, EU:C:2021:1034, punt 251, kif ukoll tas-16 ta' Jannar 2024, Österreichische Datenschutzbehörde, C-33/22, EU:C:2024:46, punt 70 u l-ġurisprudenza ċċitata).

172 Għandu jingħad ukoll li l-Artikolu 4(2) TUE jipprevedi li l-Unjoni tosserva l-ugwaljanza tal-Istati Membri quddiem it-Trattati. Issa, l-Unjoni tista' tosserva tali ugwaljanza biss jekk l-Istati Membri jkunu, skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, fl-impossibbiltà li jinvokaw, kontra l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, miżura unilaterali, tkun xi tkun (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Euro Box Promotion *et*, C-357/19, C-379/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19, EU:C:2021:1034, punt 249).

173 Bl-istess mod, għandu jiġi rrilevat ukoll li l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni tikkostitwixxi rekwiżit fundamentali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Fil-fatt, tali rekwiżit huwa inerenti għall-eżistenza stess ta' komunità ta' dritt u huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat ir-rispett tal-ugwaljanza tal-Istati Membri quddiem it-Trattati.

174 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li, sabiex setgħet taderixxi mal-Unjoni, ir-Repubblika tal-Polonja kellha tissodisfa kriterji li għandhom jiġu ssodisfatti mill-Istati kandidati għall-adeżjoni, kif huma stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Kopenħagen tal-21 u tat-22 ta' Ġunju 1993. Dawn il-kriterji jeżiġu b'mod partikolari li l-Istat kandidat "jkollu istituzzjonijiet stabbli li jiggarantixxu d-demokrazija, is-supremazija tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, ir-rispett tal-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom" (sentenza tad-29 ta' Marzu 2022, Getin Noble Bank, C-132/20, EU:C:2022:235, punt 104, u tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin), C-204/21, EU:C:2023:442, punt 65).

175 B'mod partikolari, mill-Artikolu 2 TUE jirriżulta li l-Unjoni hija bbażata fuq valuri, bħalma huwa l-Istat tad-dritt, li huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà kkaratterizzata, fost oħrajn, mill-ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses, C-64/16, EU:C:2018:117, punt 30, u tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 160 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

176 Id-dritt tal-Unjoni huwa għaldaqstant ibbażat fuq il-premessa fundamentali li tipprovdi li kull Stat Membru jikkondividi mal-Istati Membri l-oħrajn kollha, u jirrikonoxxi li dawn jikkondividu miegħu, sensiela ta' valuri komuni li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, kif jippreċiża l-Artikolu 2 TUE. Din il-premessa turi karatteristiċi speċifiċi u essenzjali tad-dritt tal-Unjoni, relatati man-natura rispettiva tiegħu, li jirriżultaw mill-awtonomija li l-imsemmi dritt igawdi fil-konfront kemm tad-drittijiet tal-Istati Membri kif ukoll tad-dritt internazzjonali. Din il-premessa timplika u tiġġustifika l-eżistenza ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fir-rikonoxximent ta' dawn il-valuri u, għalhekk, fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni li timplimentahom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Marzu 2018, Achmea, C-284/16, EU:C:2018:158, punt 34, kif ukoll tas-16 ta' Frar 2022, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-156/21, EU:C:2022:97, punt 125 u l-ġurisprudenza ċċitata).

177 L-Artikolu 2 TUE ma jikkostitwixxix, konsegwentement, sempliċi artikolazzjoni ta' linji gwida jew ta' intenzjonijiet ta' natura politika, iżda jinkludi valuri li huma parti integrali mill-istess identità tal-Unjoni inkwantu ordinament ġuridiku komuni, valuri li huma kkonkretizzati fil-prinċipji li jinkludu obbligi legalment vinkolanti għall-Istati Membri. L-osservanza ta' dawn il-valuri ma għandhiex tiġi ridotta għal obbligu li għandu jiġi osservat minn Stat kandidat sabiex jaderixxi mal-Unjoni u li huwa jista' ma jkomplix josserva wara l-adeżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Frar 2022, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-156/21, EU:C:2022:97, punti 126, 127 u 232, kif ukoll tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin), C-204/21, EU:C:2023:442, punti 67 u 68).

178 Fil-fatt, l-Artikolu 49 TUE, li jipprevedi l-possibbiltà għal kull Stat Ewropew li jitlob li jsir membru tal-Unjoni, jippreċiża li din tiġbor fi ħdanha Stati li aderixxew liberament u volontarjament mal-valuri komuni attwalment imsemmija fl-Artikolu 2 TUE, li josservaw dawn il-valuri u li jimpenjaw ruħhom li jippromwovuhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), C-619/18, EU:C:2019:531, punt 42, kif ukoll tal-20 ta' April 2021, Repubblika, C-896/19, EU:C:2021:311, punt 61).

179 Minn dan isegwi li l-osservanza minn Stat Membru tal-valuri stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE tikkostitwixxi kundizzjoni għat-tgawdija tad-drittijiet kollha li joħorġu mill-applikazzjoni tat-Trattati għal dan l-Istat Membru. Stat Membru ma jistax jemenda l-leġiżlazzjoni tiegħu, u lanqas il-ġurisprudenza tiegħu, b'mod li jwassal għal rigressjoni tal-protezzjoni tal-valur tal-Istat tad-dritt, valur li huwa kkonkretizzat, b'mod partikolari, mill-Artikolu 19 TUE. L-Istati Membri huma għalhekk obbligati li jiżguraw li jiġi evitat kull rigressjoni, fir-rigward ta' dan il-valur, tal-leġiżlazzjoni tagħhom fil-qasam tal-organizzazzjoni tal-ġustizzja, billi jonqsu milli jadottaw regoli li jippreġudikaw l-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura (ara f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' April 2021, Repubblika, C-896/19, EU:C:2021:311, punti 63 u 64, kif ukoll tal-21 ta' Diċembru 2021, Euro Box Promotion *et*, C-357/19, C-379/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19, EU:C:2021:1034, punt 162 u l-ġurisprudenza ċċitata).

180 Issa, għalkemm, kif jirriżulta mill-Artikolu 4(2) TUE, l-Unjoni tosserva l-identità nazzjonali tal-Istati Membri, inerenti fl-istrutturi politiċi u kostituzzjonali fundamentali tagħhom, b'tali mod li dawn l-Istati għandhom ċertu marġni ta' evalwazzjoni sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt, minn dan bl-ebda mod ma jirriżulta li dan l-obbligu ta' riżultat jista' jvarja minn Stat Membru għall-ieħor. Fil-fatt, filwaqt li għandhom identitajiet nazzjonali distinti, inerenti fl-istrutturi fundamentali politiċi u kostituzzjonali tagħhom, li l-Unjoni tosserva, l-Istati Membri jaderixxu għal kunċett ta' "Stat tad-dritt" li huma jikkondividu, bħala valur komuni għat-tradizzjonijiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom, u li huma impenjaw ruħhom li jirrispettaw b'mod kontinwu (sentenzi tas-16 ta' Frar 2022, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-156/21, EU:C:2022:97, punti 233 u 234, kif ukoll tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin), C-204/21, EU:C:2023:442, punt 73).

181 Minn dan isegwi li, fl-għażla tal-mudell kostituzzjonali rispettiv tagħhom, l-Istati Membri huma obbligati jikkonformaw, b'mod partikolari, mar-rekwiżit ta' indipendenza tal-ġustizzja li jirriżulta mill-Artikolu 2 u mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin), C-204/21, EU:C:2023:442, punt 74 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

182 Bl-istess mod, sabiex tiġi żgurata, b'mod partikolari, l-effettività tad-dritt tal-Unjoni, prinċipju li huwa wkoll imsemmi fit-tieni lment, huma għandhom l-obbligu li jikkonformaw ruħhom mal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u li jastjenu milli jieħdu miżuri li jiksru l-awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

183 Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 2 tal-Att tal-Adeżjoni, id-dispożizzjonijiet tat-Trattati oriġinali u l-atti adottati, qabel l-adeżjoni, mill-istituzzjonijiet u mill-Bank Ċentrali Ewropew għandhom jorbtu lill-Istati Membri l-ġodda u huma applikabbli f'dawn l-Istati Membri fil-kundizzjonijiet previsti minn dawn it-Trattati u mill-Att tal-Adeżjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li minn dan l-Artikolu 2 kif ukoll mill-Artikolu 10 ta' dan l-att ta' adeżjoni jirriżulta li dan tal-aħħar huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' applikazzjoni immedjata u sħiħa tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-Istat Membri l-ġodda u li huwa biss b'mod tranżitorju li huma ammessi derogi previsti espressament mid-dispożizzjonijiet tranżitorji (sentenza tal-21 ta' Marzu 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-127/17, EU:C:2019:236, punt 103 u l-ġurisprudenza ċċitata).

184 Ir-Repubblika tal-Polonja hija għalhekk, sa mill-adeżjoni tagħha mal-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2004, marbuta mingħajr ebda riżerva mid-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju kif ukoll mill-atti adottati qabel l-adeżjoni mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni derogatorja espressa f'dan ir-rigward.

185 Permezz tar-ratifika tal-Att ta' Adeżjoni, dan l-Istat Membru b'hekk aċċetta l-kunċett stess tal-Unjoni bħala ordinament ġuridiku komuni għall-Istati Membri, bil-karatteristiċi u l-ispeċifiċitajiet kollha deskritti fil-punti 163 sa 181 ta' din is-sentenza, u aderixxa ma' dan l-ordinament ġuridiku.

186 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija r-Repubblika tal-Polonja, b'mod partikolari, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE, li għandha tiżgura, fit-territorju tagħha, l-applikazzjoni u l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni u, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE, li għandha tieħu kull miżura ġenerali jew partikolari xierqa sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mit-Trattati jew li jirriżultaw mill-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Dispożizzjonijiet tal-ordinament ġuridiku nazzjonali tiegħu, anki kostituzzjonali, ma jistgħux, konformement mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġġustifikaw in-nuqqas ta' osservanza ta' dawn l-obbligi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-288/12, EU:C:2014:237, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

187 F'dan il-każ, fir-rigward tas-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021, mill-punti 2 u 3 tad-dispożittiv tagħha jirriżulta li l-interpretazzjoni li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) għamlet fiha lill-Kostituzzjoni Pollakka għandha l-konsegwenza li tipprekludi li r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 2 u mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja, jista' jkollhom effetti legali fl-ordinament ġuridiku Pollakk. Barra minn hekk, kif jirriżulta mit-Taqsima 10 tal-motivi legali ta' din is-sentenza, dik il-qorti ordnat lill-korpi kollha tal-awtoritajiet pubbliċi Pollakki, b'mod partikolari lill-qrati, jastjenu milli japplikaw dawn ir-regoli, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja, billi rreferiet għan-natura obbligatorja *erga omnes* u definittiva tas-sentenzi tagħha.

188 Fl-aħħar nett, fl-imsemmija sentenza, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) ipproċediet, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 1 tad-dispożittiv kif ukoll mill-punti 6.2 u 6.4 tal-motivi legali, għal interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni Pollakka li tiċħad is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni fuq ir-regoli kostituzzjonali Pollakki, kif spjegat, b'mod partikolari, fil-punti 167 sa 171 ta' din is-sentenza.

189 Fir-rigward tas-sentenza tal-14 ta' Lulju 2021, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet essenzjalment, kif ġie kkonstatat fil-punt 140 ta' din is-sentenza, li kull miżura provviżorja ordnata mill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 279 TFUE u intiża li tippreżerva d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva quddiem qorti indipendenti fil-Polonja, previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, ma għandhiex effett vinkolanti fl-ordinament ġuridiku Pollakk. B'mod partikolari, mill-punti 6.8 sa 6.10 tal-motivi legali ta' din is-sentenza jirriżulta li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) ibbażat il-pożizzjoni tagħha fuq is-supremazija tal-Kostituzzjoni Pollakka bħala regola suprema tal-ordinament ġuridiku nazzjonali.

190 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat ukoll li, kif jista' jiġi dedott mill-motivi legali u mid-dispożittivi tas-sentenzi kontenzjużi, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) tqis li, minn naħa, l-Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 4(3) TUE u l-Artikolu 279 TFUE, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja, imorru kontra diversi prinċipji stabbiliti fil-Kostituzzjoni Pollakka u jippreġudikaw l-identità kostituzzjonali Pollakka.

191 Madankollu, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li jinsabu b'mod partikolari fil-punti 177 sa 180 u 186 ta' din is-sentenza, ma jistax jiġi validament sostnut li l-osservanza ta' valuri u ta' prinċipji bħall-Istat tad-dritt, il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva u l-indipendenza tal-ġustizzja, stabbiliti fl-Artikolu 2 u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li jikkundizzjonaw kemm l-adeżjoni ta' Stat Membru mal-Unjoni kif ukoll il-parteċipazzjoni tiegħu għall-funzjonament tagħha, tinkludi rekwiżiti li jistgħu jaffettwaw l-identità nazzjonali ta' dan tal-aħħar, fis-sens tal-Artikolu 4(2) TUE. Għaldaqstant, din l-aħħar dispożizzjoni, li għandha tinqara fid-dawl tad-dispożizzjonijiet, tal-istess grad bħalha, bħal b'mod partikolari dan l-Artikolu 2 u dan it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1), ma tistax teżenta lill-Istati Membri mill-osservanza tar-rekwiżiti li jirriżultaw minnhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin), C-204/21, EU:C:2023:442, punt 72).

192 Tali konklużjoni tapplika wkoll f'dak li jirrigwarda l-Artikolu 4(3) TUE kif ukoll l-Artikolu 279 TFUE, li huma intiżi li jiżguraw l-osservanza sħiħa u l-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni.

193 Għalhekk, ma jistax jiġi aċċettat li r-Repubblika tal-Polonja taħrab mill-obbligi tagħha li jirriżultaw mill-Artikolu 2, mill-Artikolu 4(3), mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll mill-Artikolu 279 TFUE billi tqis li r-rekwiżiti li jirriżultaw minn dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jaffettwaw l-identità kostituzzjonali Pollakka, filwaqt li l-valuri u l-prinċipji li huma jistabbilixxu jaqgħu taħt l-identità stess tal-Unjoni bħala ordinament ġuridiku komuni li dan l-Istat Membru aderixxa miegħu b'mod volontarju.

194 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni Pollakka mogħtija mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fis-sentenzi kontenzjużi tippreġudika manifestament is-supremazija li minnha jibbenefikaw l-Artikolu 2, l-Artikolu 4(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll l-Artikolu 279 TFUE, dispożizzjonijiet li huma msemmija f'dawn is-sentenzi.

195 Barra minn hekk, billi jipprekludu unilateralment lill-awtoritajiet pubbliċi Pollakki milli japplikaw dawn ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni, is-sentenzi kontenzjużi jiksru wkoll b'mod manifest il-prinċipji ta' awtonomija, ta' effettività u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni.

196 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li r-Repubblika tal-Polonja, fid-dawl tal-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni Pollakka mogħtija mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fis-sentenzi kontenzjużi, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt il-prinċipji ta' awtonomija, ta' supremazija, ta' effettività u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni.

– Fuq in-nuqqas allegat tal-prinċipju ta' effett vinkolanti tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

197 Mis-sentenzi kontenzjużi jirriżulta li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) qieset, minn naħa, li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, u, min-naħa l-oħra, il-miżuri provviżorji ordnati mill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 279 TFUE, intiżi sabiex jippreżervaw id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva quddiem qorti indipendenti fil-Polonja, jiksru l-identità kostituzzjonali Pollakka minħabba l-fatt li din il-ġurisprudenza u dawn il-miżuri provviżorji huma atti *ultra vires*.

198 Minn dawn is-sentenzi jirriżulta wkoll li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) indikat li hija rriżervat id-dritt li tipproċedi fil-futur għal stħarriġ *ultra vires* tad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tipproteġi din l-identità.

199 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-konstatazzjonijiet li jinsabu fil-punti 185 u 186 ta' din is-sentenza japplikaw mingħajr ebda riżerva f'dak li jirrigwarda r-regoli li jirregolaw is-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni u, għaldaqstant, it-tqassim tal-kompetenzi ġudizzjarji bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, kif jirriżulta mit-Trattati.

200 Issa, hija ġurisprudenza stabbilita li t-Trattati stabbilixxew, sabiex jiggarantixxu l-preżervazzjoni tal-karatteristiċi speċifiċi u tal-awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, sistema ġudizzjarja intiża sabiex tiżgura l-koerenza u l-unità fl-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni (sentenzi tas-6 ta' Marzu 2018, Achmea, C-284/16, EU:C:2018:158, punt 35, kif ukoll tal-24 ta' Ottubru 2018, XC *et*, C-234/17, EU:C:2018:853, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

201 F'dan il-kuntest, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 19(1) TUE, huma l-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja li jiżguraw l-applikazzjoni sħiħa tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha kif ukoll il-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet li l-partijiet fil-kawża jisiltu mill-imsemmi dritt (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 50, u tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin), C-204/21, EU:C:2023:442, punt 128).

202 F'dan ir-rigward, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE jagħti kompetenza lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi, b'titolu preliminari, kemm dwar l-interpretazzjoni tat-trattati u tal-atti tal-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni kif ukoll fuq il-validità ta' dawn l-atti.

203 Għalhekk, hija biss il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tikkonstata l-invalidità ta' att tal-Unjoni u li tipprovdi l-interpretazzjoni definittiva u vinkolanti tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punti 52 u 71 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

204 Fir-rigward tar-rwol tal-qrati nazzjonali, l-Artikolu 267 TFUE jiddisponi, fit-tieni paragrafu tiegħu, li dawn jistgħu jagħmlu domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja u, fit-tielet paragrafu tiegħu, li huma għandhom jagħmlu dan jekk id-deċiżjonijiet tagħhom ma jkunux suġġetti għal rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali.

205 Dan l-obbligu għall-qrati nazzjonali li d-deċiżjonijiet ma humiex suġġetti għal rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali jaqa', hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwaru numru ta' drabi, fil-kuntest tal-kooperazzjoni, stabbilita sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha, bejn il-qrati nazzjonali, fil-kapaċità tagħhom ta' qrati responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan id-dritt, u l-Qorti tal-Ġustizzja. L-imsemmi obbligu għandu bħala għan li jipprevjeni li jiġi stabbilit, fi kwalunkwe Stat Membru, ġurisprudenza nazzjonali li ma taqbilx mar-regoli tad-dritt tal-Unjoni (is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2024, KUBERA, C-144/23, EU:C:2024:881, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

206 Barra minn hekk, l-obbligu għall-qrati nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħhom ma humiex suġġetti għal rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali li jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja b'domanda preliminari jikkostitwixxi l-korollarju tal-ġurisdizzjoni esklużiva li din tal-aħħar għandha sabiex tiddeċiedi dwar il-validità tal-atti tal-Unjoni u sabiex tipprovdi l-interpretazzjoni definittiva u vinkolanti tad-dritt tal-Unjoni.

207 Din il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja hija, barra minn hekk, ikkonfermata mill-Artikolu 344 TFUE li jipprovdi li l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li ma jissuġġettawx tilwima dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tat-Trattati għal metodu ta' soluzzjoni differenti minn dawk previsti minnhom (ara, f'dan is-sens, l-Opinjoni 1/91 (Ftehim ŻEE – I), tal-14 ta' Diċembru 1991, EU:C:1991:490, punt 35).

208 Il-funzjonijiet u l-kompetenzi hekk attribwiti, rispettivament, lill-qrati nazzjonali u lill-Qorti tal-Ġustizzja huma essenzjali għaż-żamma tan-natura stess tad-dritt stabbilit mit-Trattati (ara, f'dan is-sens, l-Opinjoni 1/09 (Ftehim dwar il-ħolqien ta' sistema unifikata ta' riżoluzzjoni ta' tilwim fil-qasam tal-privattivi), tat-8 ta' Marzu 2011, EU:C:2011:123, punt 85, u s-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, SATCEN vs KF, C-14/19 P, EU:C:2020:492, punt 61).

209 Dawn huma intiżi sabiex jiżguraw li d-dritt tal-Unjoni jkollu f'kull ċirkustanza l-istess effett fl-Istati Membri kollha, u b'hekk jippermetti li tiġi ggarantita l-unità stess tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, il-koerenza tiegħu, l-effett sħiħ tiegħu u l-awtonomija tiegħu kif ukoll, fl-aħħar mill-aħħar, in-natura partikolari tad-dritt stabbilit mit-Trattati (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Ottubru 1987, Foto-Frost, 314/85, EU:C:1987:452, punt 15; tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punt 73; kif ukoll tad-9 ta' April 2024, Profi Credit Polska (Ftuħ mill-ġdid tal-proċedura magħluqa permezz ta' deċiżjoni definittiva), C-582/21, EU:C:2024:282, punt 51).

210 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-qrati nazzjonali għandhomx id-dritt li jiddeċiedu dwar il-portata tal-kompetenzi attribwiti lill-Unjoni u dwar l-osservanza tal-limiti ta' dawn il-kompetenzi, huwa minnu li l-Artikolu 5(2) TUE jistabbilixxi, minn naħa, li "[s]kond il-prinċipju ta' l-għoti tal-kompetenzi, l-Unjoni għandha taġixxi biss fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilha mill-Istati Membri fit-Trattati sabiex twettaq l-objettivi stabbiliti minn dawn it-Trattati" u, min-naħa l-oħra, li "[l]-kompetenzi kollha li ma jingħataw lill-Unjoni fit-Trattati jibqgħu għand l-Istati Membri". Dan il-prinċipju huwa stabbilit fl-Artikolu 4(1) TUE.

211 Barra minn hekk, skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 13(2) TUE, kull istituzzjoni għandha taġixxi fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilha mit-Trattati, konformement mal-proċeduri, mal-kundizzjonijiet u mal-għanijiet previsti minnhom.

212 Madankollu, kuntrarjament għal dak li jidher li tqis it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fis-sentenzi kontenzjużi, ir-regoli u l-prinċipji mfakkra fiż-żewġ punti preċedenti ma jawtorizzawx lill-qrati nazzjonali jiddeċiedu b'mod unilaterali u definittiv dwar il-portata tal-kompetenzi attribwiti lill-Unjoni u dwar l-osservanza tal-limiti ta' dawn il-kompetenzi.

213 Fil-fatt, filwaqt li d-determinazzjoni tal-portata tal-kompetenzi tal-Unjoni, l-istess bħall-istħarriġ tal-osservanza tal-limiti ta' dawn il-kompetenzi, jimplikaw neċessarjament l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, il-Qorti tal-Ġustizzja biss għandha ġurisdizzjoni sabiex tipprovdi l-interpretazzjoni definittiva u vinkolanti ta' dawn id-dispożizzjonijiet, bl-istess mod tad-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tad-dritt tal-Unjoni.

214 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jekk il-qrati nazzjonali jingħataw ġurisdizzjoni li tippermettilhom jiddeċiedu b'mod definittiv dwar il-portata tal-kompetenzi attribwiti lill-Unjoni u dwar l-osservanza tal-limiti ta' dawn il-kompetenzi, dan ikun inkompatibbli man-natura tad-dritt tal-Unjoni f'diversi aspetti.

215 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li t-Trattati ma jagħtux lill-qrati nazzjonali, fis-sistema sħiħa ta' rimedji li dawn it-trattati stabbilixxew, is-setgħa li jiddikjaraw invalidi l-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u lanqas li jipprovdu interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2011, Air Transport Association of America *et*, C-366/10, EU:C:2011:864, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

216 It-tieni nett, l-awtonomija u l-effettività tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni jipprekludu kwalunkwe stħarriġ estern tad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni esklużiva tagħha sabiex tinterpreta d-dritt tal-Unjoni b'mod definittiv u vinkolanti u sabiex tistħarreġ il-legalità tal-atti tal-Unjoni.

217 It-tielet nett, il-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni kif ukoll is-saħħa eżekuttiva tad-dritt tal-Unjoni ma jistgħux ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor. Diverġenzi bejn il-qrati tal-Istati Membri f'dan ir-rigward jistgħu jikkompromettu l-unità stess tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, jipperikolaw it-twettiq tal-għanijiet tat-Trattati u jippreġudikaw ir-rekwiżit fundamentali taċ-ċertezza legali kif ukoll l-ugwaljanza tal-Istati Membri u taċ-ċittadini tagħhom quddiem id-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 80 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

218 Għalhekk, kuntrarjament għal dak li, essenzjalment, iddeċidiet it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fis-sentenzi kontenzjużi, il-ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-portata tal-kompetenzi attribwiti lill-Unjoni f'qasam partikolari u sabiex tistħarreġ l-osservanza tal-limiti ta' dawn il-kompetenzi tappartjeni biss lill-qrati tal-Unjoni u mhux lill-qrati nazzjonali.

219 Barra minn hekk, il-possibbiltà, għall-qrati nazzjonali, li jiddeċiedu dwar il-portata tal-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni lanqas ma hija konċiljabbli mal-koerenza neċessarja tas-sistema ta' protezzjoni ġudizzjarja stabbilita mit-Trattati.

220 Ċertament, huma l-qrati nazzjonali kompetenti li għandhom jinterpretaw il-kostituzzjoni tal-Istat Membru li jaqgħu taħtu u jiddeterminaw l-eventwali limiti li din il-kostituzzjoni timponi għall-adeżjoni ta' dan l-Istat Membru mal-Unjoni, kif stabbilita mit-Trattat UE u mit-Trattat FUE.

221 Madankollu, mid-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni, Stat Membru huwa, kif jirriżulta mill-punt 184 ta' din is-sentenza, marbut mingħajr ebda riżerva minbarra dawk eventwalment previsti mill-att ta' adeżjoni mid-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt primarju kif ukoll mill-atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni qabel l-adeżjoni, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja.

222 Jekk qorti nazzjonali tistaqsi, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħha, dwar il-portata tal-kompetenzi tal-Unjoni f'qasam partikolari jew ikollha dubji dwar il-validità ta' att tad-dritt tal-Unjoni minħabba l-fatt li dan imur lil hinn mill-isfera ta' kompetenzi tal-Unjoni jew ukoll minħabba l-fatt li tikser ir-rekwiżit għall-Unjoni, skont l-Artikolu 4(2) TUE, li tosserva l-identità nazzjonali tal-Istati Membri, inerenti fl-istrutturi fundamentali politiċi u kostituzzjonali tagħhom, hija biss il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, li għandha tipprovdi l-interpretazzjoni definittiva u vinkolanti tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni u li tikkonstata, jekk ikun il-każ, l-invalidità ta' dan l-att.

223 Għalhekk, fid-dawl ta' din il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja, qorti ta' Stat Membru ma tistax, abbażi tal-interpretazzjoni tagħha stess ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, tiddeċiedi b'mod validu li l-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni li ma tosservax il-limiti tal-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni u lanqas ma tista' tirrifjuta li tagħti segwitu għal din id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punt 72) jew inkella tipprojbixxi lill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istat Membru li taħtu dik il-qorti taqa' milli jikkonformaw ruħhom mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jew milli japplikaw dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja.

224 Il-konstatazzjonijiet stabbiliti fiż-żewġ punti preċedenti japplikaw ukoll fis-sitwazzjoni fejn deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali jew ta' qorti suprema ta' Stat Membru tirrifjuta, bħalma huwa l-każ tas-sentenzi kontenzjużi, li tikkonforma ruħha ma' deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja billi tibbaża ruħha, b'mod partikolari, fuq il-kunsiderazzjoni bbażata fuq il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja marret lil hinn mill-ġurisdizzjoni tagħha jew li dawn id-deċiżjonijiet ma josservawx l-identità kostituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat fid-dawl tal-Artikolu 4(2) TUE.

225 F'dan ir-rigward, huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha, skont l-Artikolu 13(2) TUE, taġixxi fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilha fit-Trattati, konformement mal-proċeduri, mal-kundizzjonijiet u mal-finijiet previsti minnhom.

226 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', skont l-Artikolu 4(2) TUE, tintalab tivverifika li obbligu tad-dritt tal-Unjoni ma josservax l-identità nazzjonali ta' Stat Membru (sentenza tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata).

227 Madankollu, għalkemm huma l-Istati Membri li għandhom jiddefinixxu l-identità nazzjonali rispettiva tagħhom, l-Artikolu 4(2) TUE ma jistax jiġi interpretat b'mod li jagħtihom is-setgħa li jidderogaw unilateralment mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni billi jinvokaw din l-identità nazzjonali.

228 B'mod partikolari, l-awtonomija li jgawdi minnha d-dritt tal-Unjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-Istati Membri timponi li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2) TUE tieħu inkunsiderazzjoni l-istruttura u l-għanijiet tal-Unjoni, li tista' tiġi żgurata biss jekk l-imsemmija interpretazzjoni tingħata b'osservanza tas-sistema ta' protezzjoni ġudizzjarja tal-Unjoni u, b'mod partikolari, tal-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 213 ta' din is-sentenza.

229 Din id-dispożizzjoni la għandha l-għan u lanqas l-effett li tawtorizza qorti kostituzzjonali jew suprema ta' Stat Membru, bi ksur tar-rekwiżiti li jirriżultaw b'mod partikolari mill-Artikolu 4(2) u (3) kif ukoll mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE li huma imposti fuqha, li teskludi l-applikazzjoni ta' regola tad-dritt tal-Unjoni, minħabba li din ir-regola ma tosservax l-identità nazzjonali ta' dan l-Istat Membru kif iddefinita minn dik il-qorti kostituzzjonali jew suprema (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punt 70).

230 Jekk qorti kostituzzjonali jew suprema ta' Stat Membru tqis li dispożizzjoni tad-dritt sekondarju tal-Unjoni, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, tikser l-obbligu li tiġi osservata l-identità nazzjonali ta' dan l-Istat Membru, dik il-qorti kostituzzjonali jew suprema għandha tissospendi l-proċeduri quddiemha u tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni preliminari, skont l-Artikolu 267 TFUE, sabiex tiġi evalwata l-validità ta' din id-dispożizzjoni fid-dawl tal-Artikolu 4(2) TUE, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja biss għandha ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata l-invalidità ta' att tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punt 71).

231 Fir-rigward tad-dritt primarju, il-Qorti tal-Ġustizzja tieħu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 4(2) TUE fl-interpretazzjoni tal-obbligi tal-Istati Membri li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet l-oħra tad-dritt primarju (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Diċembru 2010, Sayn-Wittgenstein, C-208/09, EU:C:2010:806, punt 92, u tas-7 ta' Settembru 2022, Cilevičs *et*, C-391/20, EU:C:2022:638, punt 68 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

232 Madankollu, meta qorti ta' Stat Membru tqis li l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt primarju, mogħtija f'deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, tikser ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 4(2) TUE, hija ma tistax, abbażi tal-interpretazzjoni tagħha stess tad-dritt tal-Unjoni, tiddeċiedi b'mod validu li l-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni li tmur lil hinn mill-isfera ta' ġurisdizzjoni tagħha u, għaldaqstant, tirrifjuta li teżegwixxi din id-deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punt 72). F'tali każ, hija għandha, jekk ikun il-każ, tindirizza talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex din tal-aħħar tkun f'pożizzjoni li tevalwa l-eventwali effett fuq l-imsemmija interpretazzjoni tan-neċessità li tittieħed inkunsiderazzjoni l-identità nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, inerenti fl-istrutturi fundamentali politiċi u kostituzzjonali tiegħu.

233 B'mod iktar ġenerali, meta titqajjem quddiem qorti nazzjonali kwistjoni dwar il-portata tal-kompetenzi tal-Unjoni jew dwar il-legalità ta' att tad-dritt sekondarju, dik il-qorti għandha, meta din il-kwistjoni tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u irrispettivament mill-motiv ta' invalidità invokat, tosserva l-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkostitwixxi karatteristika fundamentali tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni.

234 F'dan il-każ, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-argument tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) li jinsab fis-sentenzi kontenzjużi, kif imsemmi fil-punti 197 u 198 ta' din is-sentenza, ibbażat fuq il-protezzjoni neċessarja tal-identità kostituzzjonali Pollakka, ma jistax jintlaqa' b'mod validu.

235 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi konkluż li r-Repubblika tal-Polonja, fid-dawl tal-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni Pollakka mogħtija mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fis-sentenzi kontenzjużi, kisret l-effett vinkolanti tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

236 Minn dan isegwi li t-tieni lment tal-Kummissjoni għandu jintlaqa' fl-intier tiegħu.

Fuq it-tielet ilment

L-argumenti tal-partijiet

237 Permezz tat-tielet ilment tagħha, li jinkludi żewġ partijiet, il-Kummissjoni ssostni li r-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligu tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE li tiżgura li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) tissodisfa l-garanzija ta' qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi fis-sens tad-dispożizzjonijiet magħquda ta' dan it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) u tal-Artikolu 47 tal-Karta.

238 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirriżulta mis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra) (C-487/19, EU:C:2021:798), jirriżulta li irregolaritajiet fil-proċedura ta' ħatra għal pożizzjoni ta' mħallef jistgħu jwasslu għal ksur mhux biss tar-rekwiżit ta' qorti stabbilita minn qabel bil-liġi, iżda wkoll tal-indipendenza u tal-imparzjalità tal-qorti. Skont din is-sentenza, dan huwa l-każ tal-ħatra ta' mħallef li seħħet bi ksur manifest tar-regoli fundamentali tal-proċedura ta' ħatra tal-imħallfin tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) li tagħmel parti integrali mill-istabbiliment u mill-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja Pollakka, li toħloq riskju reali ta' perikolu għall-integrità tar-riżultat li wassal għalih il-proċess ta' ħatra. Għalhekk, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, jinħolqu dubji leġittimi dwar l-impermeabbiltà ta' dak l-imħallef fir-rigward ta' elementi esterni u tan-newtralità tiegħu fir-rigward tal-interessi inkwistjoni, kif ukoll assenza ta' apparenza ta' indipendenza jew ta' imparzjalità tiegħu li tista' tippreġudika l-fiduċja li l-ġustizzja għandha tispira fl-imsemmija partijiet fil-kawża f'soċjetà demokratika u fi Stat tad-dritt.

239 Skont il-Kummissjoni, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) ma għadhiex toffri l-garanziji ta' qorti indipendenti, imparzjali u stabbilita minn qabel bil-liġi, fis-sens tad-dispożizzjonijiet magħquda tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta, minħabba, minn naħa, irregolaritajiet evidenti fil-ħatra ta' mħallfin fi ħdan dik il-qorti fix-xahar ta' Diċembru 2015, bi ksur manifest tad-dritt kostituzzjonali Pollakk u, min-naħa l-oħra, irregolaritajiet serji fil-ħatra tal-Presidenta tal-imsemmija qorti fix-xahar ta' Diċembru 2016. Kull waħda minn dawn l-irregolaritajiet toħloq, f'moħħ il-partijiet fil-kawża,

minħabba l-attività tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) komposta mill-persuni hekk maħtura, dubji leġittimi dwar l-imparzjalità ta' dik il-qorti u l-impermeabbiltà tagħha fir-rigward ta' elementi esterni.

240 Permezz tal-ewwel parti tat-tielet ilment, il-Kummissjoni ssostni li l-elezzjoni ta' H.C., ta' L.M. u ta' M.M. għall-funzjoni ta' mħallef tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) sabiex jiġu ssostitwiti mħallfin li l-mandat ta' disa' snin tagħhom kien skada fis-6 ta' Novembru 2015 kif ukoll il-bidu tal-kariga tagħhom fi ħdan dik il-qorti jikkostitwixxu ksur manifest tal-Artikolu 194(1) tal-Kostituzzjoni Pollakka, li jipprovdi li mħallef ġdid jista' jiġi elett mis-Sejm (il-Parlament) biss matul il-leġiżlatura li matulha s-siġġu inkwistjoni sar vakanti. Kif ikkonfermaw, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) tat-3 u tad-9 ta' Diċembru 2015, l-elezzjoni ta' H.C., ta' L.M. u ta' M.M., fit-2 ta' Diċembru 2015 kif ukoll il-bidu tal-kariga tagħhom fit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fl-20 ta' Diċembru 2016 kienu jmorru kontra din id-dispożizzjoni.

241 Is-Sejm (il-Parlament) kien eleġġa dawn it-tliet persuni fit-2 ta' Diċembru 2015, jew matul it-tmien leġiżlatura, minkejja li, fit-8 ta' Ottubru 2015, jew matul is-seba' leġiżlatura, tliet persuni oħra, jiġifieri R.H., A.J. u K.Ś., kienu diġà ġew eletti mis-Sejm (il-Parlament) sabiex jissostitwixxu lill-imħallfin li l-mandat tagħhom ta' disa' snin kien jiskadi fis-6 ta' Novembru 2015. It-tliet persuni eletti fit-2 ta' Diċembru 2015 ħadu ġurament fl-istess jum quddiem il-President tar-Repubblika tal-Polonja u ġew awtorizzati sabiex iservu bħala membri fl-20 ta' Diċembru 2016 minn J.P., li dak iż-żmien kienet teżerċita l-funzjonijiet ta' Presidenta tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali). Mill-banda l-oħra, il-President tar-Repubblika tal-Polonja ma rċeviex il-ġurament tal-persuni eletti fit-8 ta' Ottubru 2015, b'tali mod li huma ma setgħux jibdew jaqdu l-funzjonijiet tagħhom.

242 Għalhekk, la fid-data tal-iskadenza tat-terminu għal risposta għall-opinjoni motivata tal-Kummissjoni tal-15 ta' Lulju 2022 u lanqas fid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors, is-sentenzi tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) tat-3 u tad-9 ta' Diċembru 2015 ma ġewx implimentati mir-Repubblika tal-Polonja.

243 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li, fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Mejju 2021, Xero Flor w Polsce sp. z o.o. vs Il-Polonja (CE:ECHR:2021:0507JUD000490718), il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem diġà ddeċidiet, abbażi tal-istess fatti, li kien hemm ksur ta' regola nazzjonali fundamentali applikabbli għall-elezzjoni tal-imħallfin tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), peress li dan il-ksur twettaq b'mod partikolari mis-Sejm (il-Parlament) matul it-tmien leġiżlatura, u mill-President tar-Repubblika tal-Polonja. Billi rrikorriet għall-istħarriġ fi tliet stadji elaborat fil-ġurisprudenza tagħha li tirriżulta b'mod partikolari mis-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2020, Guðmundur Andri Ástráðsson vs L-Islanda (CE:ECHR:2020:1201JUD002637418), il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet, fl-imsemmija sentenza tas-7 ta' Mejju 2021, li l-kumpannija rikorrenti kienet ġiet imċaħħda mid-dritt għal "tribunal […] mwaqqaf b'liġi" previst fl-Artikolu 6(1) tal-KEDB minħabba l-parteċipazzjoni ta' M.M. fil-proċedura quddiem it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), peress li l-elezzjoni ta' dak l-imħallef kienet ivvizzjata b'irregolaritajiet serji li jiksru l-essenza stess ta' dan id-dritt.

244 Permezz tat-tieni parti tat-tielet ilment, il-Kummissjoni ssostni li l-ħatra ta' J.P. fil-pożizzjoni ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), fil-21 ta' Diċembru 2016, kienet ivvizzjata b'irregolaritajiet serji, u b'hekk kisret il-garanziji neċessarji ta' indipendenza u ta' imparzjalità, li jirriżultaw mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

245 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tispjega li l-President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) għandu rwol fundamentali fil-funzjonament ta' dan il-korp kostituzzjonali sa fejn huwa jmexxi x-xogħol ta' dan tal-aħħar, jirrappreżentah u jeżerċita funzjonijiet oħra previsti mil-liġi. Skont ir-Regoli tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), il-President ta' dik il-qorti jiddeċiedi wkoll dwar il-proċedura nazzjonali relatata mar-rikorsi, mal-kwistjonijiet legali u mar-rikorsi kostituzzjonali, u jaħtar il-kulleġġi ġudikanti, il-presidenti ta' dawn il-kulleġġi ġudikanti kif ukoll l-imħallfin relaturi.

246 Fir-rigward tal-iżvolġiment tal-proċedura ta' għażla li wasslet għall-ħatra ta' J.P., il-Kummissjoni tosserva li, fl-approċċ tal-iskadenza, fid-19 ta' Diċembru 2016, tal-mandat tal-President preċedenti tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), il-leġiżlatur Pollakk adotta sensiela ta' liġijiet li jirrevedu l-proċedura ta' għażla tal-kandidati għall-pożizzjoni ta' president ta' dik il-qorti, li sa dak iż-żmien kienet prevista fl-Artikolu 16 tal-Liġi tat-22 ta' Lulju 2016 dwar il-Qorti Kostituzzjonali, li l-konformità tagħha mal-Kostituzzjoni Pollakka kienet ġiet ikkonfermata permezz ta' sentenza tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) tas-7 ta' Novembru 2016 (Kawża K 44/16).

247 Qabelxejn, is-Sejm (il-Parlament) adotta, fit-30 ta' Novembru 2016, l-ustawa o organizacji i trybie postępowania przed Trybunałem Konstytucyjnym (il-Liġi dwar l-Organizzazzjoni u l-Proċedura quddiem il-Qorti Kostituzzjonali) (Dz. U. pożizzjoni 2072). Sussegwentement, fit-13 ta' Diċembru 2016, is-Sejm (il-Parlament) adotta l-Liġi li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet Introduttivi, li l-Artikolu 21 kien ser jipprevedi proċedura tranżitorja speċjali għall-għażla tal-kandidati li kellhom jiġu ppreżentati lill-President tar-Repubblika tal-Polonja bil-ħsieb tal-ħatra tal-President il-ġdid tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali). Il-proċedura kellha titmexxa mill-"imħallef li qiegħed jaġixxi bħala President tat-Trybunał Konstytucyjny [(il-Qorti Kostituzzjonali)]", peress li din il-pożizzjoni l-ġdida ġiet stabbilita mill-Artikolu 18 ta' din il-liġi.

248 Fl-20 ta' Diċembru 2016, jiġifieri fil-jum tad-dħul fis-seħħ tal-Artikoli 16 sa 22 tal-Liġi li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet Introduttivi u l-għada tal-irtirar ta' A.R., sa dak iż-żmien President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), il-President tar-Repubblika tal-Polonja, konformement mal-Artikolu 18 ta' din il-liġi, ħatar lil J.P. fil-pożizzjoni l-ġdida ta' "imħallef li qiegħed jaġixxi bħala President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali)]", meta Viċi President ta' dik il-qorti, jiġifieri S.B., kien fil-kariga. Issa, din il-pożizzjoni l-ġdida ma hijiex prevista fil-Kostituzzjoni Pollakka, peress li l-Artikolu 194(2) tagħha jsemmi biss il-President u l-Viċi President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali). Mill-bqija, il-liġijiet preċedenti li jirregolaw il-funzjonament ta' dik il-qorti kienu jipprevedu li l-Viċi President tagħha jew, fil-każ ta' impediment, kull imħallef ieħor maħtur mill-President, jew l-imħallef l-iktar anzjan għandu jeżerċita l-funzjonijiet ta' president fl-assenza tiegħu.

249 F'din l-istess data, J.P., maħtura mill-ġdid sabiex teżerċita l-funzjonijiet ta' Presidenta tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), awtorizzat lit-tliet imħallfin eletti fit-2 ta' Diċembru 2015 bi ksur tal-Artikolu 194(1) tal-Kostituzzjoni Pollakka sabiex iservu bħala membri fi ħdan dik il-qorti wara li ħadu l-ġurament tagħhom quddiem il-President tar-Repubblika tal-Polonja. Barra minn hekk, J.P. sejħet immedjatament l-assemblea ġenerali, li minnha kienu diġà jagħmlu parti dawn it-tliet persuni.

250 Mill-erbatax-il imħallef preżenti waqt iż-żamma ta' din l-assemblea ġenerali, tmienja rrifjutaw li jipparteċipaw fil-vot ta' għażla tal-kandidati għall-pożizzjoni ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), u wieħed minnhom kien għal xejn talab li l-assemblea ġenerali tiġi posposta b'ġurnata sabiex l-imħallfin kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw f'din il-laqgħa.

251 Madankollu, u filwaqt li, konformement mal-Artikolu 20 tal-Liġi li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet Introduttivi, J.P. kellha xahar, mill-20 ta' Diċembru 2016, sabiex tmexxi l-proċedura ta' preżentazzjoni lill-President tar-Repubblika tal-Polonja tal-kandidati għall-pożizzjoni ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), skont il-modalitajiet iddefiniti fl-Artikolu 21 tal-imsemmija liġi, J.P. irrifjutat li tipposponi l-assemblea ġenerali.

252 Konsegwentement, l-assemblea ġenerali, fl-20 ta' Diċembru 2016, b'sitt voti fuq l-erbatax-il imħallef preżenti, għażlet u ppreżentat lill-President tar-Repubblika tal-Polonja żewġ kandidati, jiġifieri, minn naħa, J.P., li kienet ibbenefikat minn ħames voti, u, min-naħa l-oħra, M.M., elett imħallef fit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fit-2 ta' Diċembru 2015 bi ksur tal-Artikolu 194(1) tal-Kostituzzjoni Pollakka, li kien ibbenefika minn vot wieħed. Il-President tar-Repubblika tal-Polonja għalhekk, fil-21 ta' Diċembru 2016, ħatar lil J.P. fil-pożizzjoni ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali).

253 Il-Kummissjoni tosserva li, minkejja li r-regoli u l-prinċipji tal-elezzjoni tal-President u tal-Viċi President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) jaqgħu fil-Polonja fil-qasam leġiżlattiv, il-leġiżlatur Pollakk huwa, konformement mal-ġurisprudenza tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), obbligat li josserva l-prinċipji kostituzzjonali ta' integrità u ta' effettività tal-atti tal-istituzzjonijiet pubbliċi, ta' separazzjoni u ta' ekwilibriju tal-poteri kif ukoll tal-osservanza tal-kompetenzi ta' dik il-qorti.

254 Il-proċedura ta' għażla tal-kandidati għall-pożizzjoni ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) żvolġiet abbażi tad-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Liġi li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet Introduttivi, li emendaw b'mod fundamentali din il-proċedura ta' għażla. Fil-fatt, konformement mal-Artikolu 16(4) tal-Liġi tat-22 ta' Lulju 2016 dwar il-Qorti Kostituzzjonali, l-elezzjoni tal-kandidati għall-pożizzjoni ta' President jew ta' Viċi President ta' dik il-qorti kellha ssir matul sessjoni ppreseduta mill-imħallef l-iktar anzjan li jipparteċipa fl-assemblea ġenerali. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 16(7) ta' din il-liġi, l-elezzjoni tista' ssir biss jekk jipparteċipaw mill-inqas għaxar imħallfin min-numru totali ta' mħallfin tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fl-assemblea ġenerali.

255 L-Artikolu 21 tal-Liġi li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet Introduttivi daħal fis-seħħ fl-20 ta' Diċembru 2016 u ġie applikat immedjatament mill-imħallef li qiegħed jaġixxi bħala President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), li nħatret Presidenta ta' dik il-qorti l-għada.

256 Issa, fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Novembru 2016, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet li l-preżentazzjoni lill-President tar-Repubblika tal-Polonja ta' kandidati mhux sostnuti minn maġġoranza tal-imħallfin tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) jew li rċevew vot wieħed biss kienet tmur kontra l-Artikolu 194(2) tal-Kostituzzjoni Pollakka. Fil-fatt, mill-punti 61 *et seq*. tal-motivi legali tal-imsemmija sentenza jirriżulta li din id-dispożizzjoni teżiġi li l-persuni inkwistjoni jkunu kandidati tal-assemblea ġenerali, u mhux kandidati proposti minn gruppi minoritarji jew minn ċerti mħallfin.

257 Skont il-Kummissjoni, huwa għalhekk bi ksur tal-Kostituzzjoni Pollakka li J.P. ġiet eletta u ppreżentata lill-President tar-Repubblika tal-Polonja bħala kandidata għall-pożizzjoni ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), peress li hija rċeviet biss ħames voti mill-erbatax-il imħallef preżenti fl-assemblea ġenerali, u tlieta minn dawn il-voti joriġinaw barra minn hekk minn imħallfin maħtura fit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) bi ksur tal-Artikolu 194(1) tal-Kostituzzjoni Pollakka.

258 Il-Kummissjoni tqis li l-ksur tal-Artikolu 194 tal-Kostituzzjoni Pollakka kien ivvizzjat mill-proċedura ta' ħatra ta' dawn it-tliet imħallfin kif ukoll tal-proċedura ta' ħatra li seħħet f'diversi stadji tal-President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) u dawn saru possibbli permezz ta' sensiela ta' emendi leġiżlattivi u ta' deċiżjonijiet tal-President tar-Repubblika tal-Polonja li ħolqu sitwazzjoni li fiha s-setgħat leġiżlattivi u eżekuttivi setgħu jiġu pperċepiti bħala li influwenzaw direttament il-kompożizzjoni u l-funzjonament tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali). Din is-sekwenza ta' avvenimenti tikkostitwixxi irregolaritajiet, peress li kull wieħed minnhom huwa ta' natura u ta' gravità tali li ħolqu riskju reali li l-poter leġiżlattiv u dak eżekuttiv ikunu jistgħu jeżerċitaw setgħa diskrezzjonali indebita fir-rigward tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), li tipperikola l-integrità tar-riżultat li kellhom iwasslu għalih dawn il-proċeduri ta' ħatra u b'hekk toħloq dubju leġittimu, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, dwar l-indipendenza u l-imparzjalità ta' dik il-qorti.

259 Ir-Repubblika tal-Polonja tammetti l-fondatezza ta' dan it-tielet ilment.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

– *Fuq l-ewwel parti tat-tielet ilment*

260 Bħalma tfakkar fil-punti 105, 107 u 108 ta' din is-sentenza, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jipprevedu sistema ta' rimedji u ta' proċeduri li jiżguraw lill-partijiet fil-kawża r-rispett tad-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jiżguraw li l-istanzi li jiġu msejħa, bħala qrati, sabiex jiddeċiedu fuq kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni jew mal-interpretazzjoni ta' dan id-dritt, jissodisfaw ir-rekwiżiti li jippermettu li jiġi żgurat tali rispett, fosthom dak marbut mal-indipendenza u mal-imparzjalità ta' dawn l-istanzi.

261 F'dan il-każ, huwa stabbilit li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) tista' tintalab tiddeċiedi dwar kwistjonijiet ta' applikazzjoni jew ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, b'tali mod li taqa', bħala "qorti", fis-sens ta' dan id-dritt, taħt is-sistema Pollakka tar-rimedji ġudizzjarji fl-"oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni", fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, kif jixhed, barra minn hekk, ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari mogħti minn dik il-qorti fil-kawża li tat lok għas-sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, RPO (C-390/15, EU:C:2017:174). Għalhekk, it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) għandha tissodisfa r-rekwiżiti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny, C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punt 35 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

262 F'dan ir-rigward, il-garanziji ta' aċċess għal qorti indipendenti, imparzjali u stabbilita minn qabel bil-liġi, b'mod partikolari l-garanziji relatati mal-elementi karatteristiċi essenzjali u mal-kompożizzjoni ta' tali qorti, jirrappreżentaw il-bażi tad-dritt għal smigħ xieraq. Il-verifika dwar jekk, permezz tal-kompożizzjoni tagħha, istanza tikkostitwixxix qorti indipendenti,

imparzjali u stabbilita minn qabel bil-liġi, meta fuq dan il-punt jinħoloq dubju serju, hija neċessarja għall-fiduċja li l-qrati ta' soċjetà demokratika għandhom jispiraw fil-partijiet fil-kawża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Frar 2022, Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita mil-liġi fl-Istat Membru emittenti), C-562/21 PPU u C-563/21 PPU, EU:C:2022:100, punt 58 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

263 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni jirrikjedu l-eżistenza ta' regoli, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-istanza kkonċernata, tal-ħatra, tat-tul tal-kariga kif ukoll tar-raġunijiet għall-astensjoni, għar-rikuża u għat-tneħħija tal-membri tagħha, li jippermettu li jiġi eskluż kull dubju leġittimu, f'moħħ il-partijiet f'kawża, dwar l-impermeabbiltà ta' din l-istanza fil-konfront ta' elementi esterni u dwar in-newtralità tagħha fir-rigward tal-interessi inkwistjoni quddiemha (sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra), C-487/19, EU:C:2021:798, punt 109, kif ukoll tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin), C-204/21, EU:C:2023:442, punt 93 u l-ġurisprudenza ċċitata).

264 F'dan ir-rigward, huwa meħtieġ li l-imħallfin ikunu protetti kontra interventi jew pressjonijiet esterni li jistgħu jipperikolaw l-indipendenza tagħhom. Ir-regoli applikabbli għall-istatus tal-imħallfin u għall-eżerċizzju tal-funzjoni tagħhom għandhom, b'mod partikolari, jippermettu li tiġi eskluża mhux biss kull influwenza diretta, fil-forma ta' istruzzjonijiet, iżda wkoll il-forom ta' influwenza iktar indiretta li jistgħu jiggwidaw id-deċiżjonijiet tal-imħallfin ikkonċernati, u b'hekk jeskludu assenza ta' apparenza ta' indipendenza jew ta' imparzjalità tagħhom li tista' tippreġudika l-fiduċja li l-ġustizzja għandha tispira fil-partijiet f'kawża f'soċjetà demokratika u fi Stat tad-dritt (sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra), C-487/19, EU:C:2021:798, punt 110, kif ukoll tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin), C-204/21, EU:C:2023:442, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata).

265 Barra minn hekk, ir-rekwiżit dwar il-"qorti stabbilita minn qabel bil-liġi", fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, għandu l-għan li jevita li l-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja titħalla għad-diskrezzjoni tas-setgħa eżekuttiva u li jiżgura li dan il-qasam ikun irregolat minn liġi adottata mill-poter leġiżlattiv b'mod konformi mar-regoli li jirregolaw l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tagħha. Din l-espressjoni tirrifletti, b'mod partikolari, il-prinċipju tal-Istat tad-dritt u tikkonċerna mhux biss il-bażi legali tal-eżistenza stess tal-qorti, iżda wkoll il-kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti f'kull kawża kif ukoll kull dispożizzjoni oħra tad-dritt nazzjonali li n-nuqqas ta' osservanza tagħhom jirrendi irregolari l-parteċipazzjoni ta' mħallef wieħed jew iktar fl-eżami tal-kawża, li jinkludi, b'mod partikolari, dispożizzjonijiet dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-membri tal-qorti (sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Eżami mill-ġdid Simpson vs Il-Kunsill u HG vs Il-Kummissjoni, C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2020:232, punt 73 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

266 Dan ir-rekwiżit, li huwa għalhekk marbut mill-qrib, b'mod partikolari, mar-rekwiżit ta' indipendenza, jinkludi, min-natura tiegħu stess, il-proċess ta' ħatra tal-imħallfin, filwaqt li jiġi ppreċiżat li l-indipendenza ta' qorti tiddependi, b'mod partikolari, mill-mod kif il-membri tagħha jkunu nħatru (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, Valančius, C-119/23, EU:C:2024:653, punti 49 u 50 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

267 Ċertament, minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li mhux kwalunkwe żball li jista' jseħħ matul il-proċedura ta' ħatra ta' mħallef huwa tali li jqajjem dubju dwar l-indipendenza u l-imparzjalità ta' dak l-imħallef u, għaldaqstant, dwar il-kwalità ta' "qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi", fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, ta' kulleġġ ġudikanti li fih dak l-imħallef ikun membru (sentenza tad-29 ta' Marzu 2022, Getin Noble Bank, C-132/20, EU:C:2022:235, punt 123).

268 Madankollu, hija ġurisprudenza stabbilita li irregolarità mwettqa fil-ħatra tal-imħallfin fi ħdan is-sistema ġudizzjarja kkonċernata twassal għal ksur tar-rekwiżit li qorti stabbilita minn qabel bil-liġi meta, b'mod partikolari din l-irregolarità tkun ta' natura u ta' gravità tali li toħloq riskju reali li fergħat oħra tal-poter, b'mod partikolari l-eżekuttiv, ikunu jistgħu jeżerċitaw setgħa diskrezzjonali indebita li tipperikola l-integrità tar-riżultat li jwassal għalih il-proċess ta' ħatra u b'hekk toħloq dubju leġittimu, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-membru jew tal-membri tal-ġudikatura kkonċernati. Dan huwa l-każ meta inkwistjoni jkun hemm l-applikazzjoni ta' regoli fundamentali li jifformaw parti integrali mill-istabbiliment u mill-funzjonament ta' din is-sistema ġudizzjarja (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra), C-487/19, EU:C:2021:798, punt 130, kif ukoll tad-29 ta' Lulju 2024, Valančius, C-119/23, EU:C:2024:653, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

269 Konstatazzjoni dwar l-eżistenza ta' ksur tar-rekwiżit ta' qorti stabbilita minn qabel bil-liġi u dwar il-konsegwenzi ta' tali ksur kienet suġġetta għal evalwazzjoni globali ta' ċertu numru ta' elementi li, meqjusa flimkien, jikkontribwixxu sabiex joħolqu, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, dubji leġittimi fir-rigward tal-indipendenza u tal-imparzjalità tal-imħallfin (ara s-sentenza tat-22 ta' Frar 2022, Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita mil-liġi fl-Istat Membru emittenti), C-562/21 PPU u C-563/21 PPU, EU:C:2022:100, punt 74 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

270 F'dan il-każ, huwa stabbilit li l-elementi fattwali u legali deskritti fil-punti 50 sa 56 u 59 ta' din is-sentenza jwasslu għall-konklużjoni li l-elezzjoni ta' H.C., ta' L.M. u ta' M.M., fit-2 ta' Diċembru 2015, waqt it-tmien leġiżlatura tas-Sejm (il-Parlament), għall-funzjoni ta' mħallef tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) sabiex tissostitwixxi l-imħallfin li l-mandat ta' disa' snin tagħhom kien skada fis-6 ta' Novembru 2015 seħħet bi ksur manifest ta' regola fundamentali li tirregola l-ħatra tal-imħallfin ta' dik il-qorti, jiġifieri l-Artikolu 194(1) tal-Kostituzzjoni Pollakka, kif interpretata mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), li jipprovdi li mħallef għandu jiġi elett matul il-leġiżlatura tas-Sejm (il-Parlament) li matulha s-siġġu ta' mħallef inkwistjoni sar vakanti. Barra minn hekk, din l-elezzjoni kienet tikkonċerna s-siġġijiet ta' mħallfin fit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) li kienu diġà mtlew legalment mit-tliet imħallfin eletti fit-8 ta' Ottubru 2015 matul is-seba' leġiżlatura tas-Sejm (il-Parlament) (ara, f'dan is-sens, il-Qorti EDB, 7 ta' Mejju 2021, Xero Flor w Polsce sp. z o.o. vs Il-Polonja, CE:ECHR:2021:0507JUD000490718, punti 268, 275 u 277).

271 Skont ir-regola fundamentali dwar il-proċedura ta' ħatra tal-imħallfin tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) imsemmija fil-punt preċedenti, il-President tar-Repubblika tal-Polonja kellu jirċievi immedjatament il-ġurament tal-imħallfin eletti mis-Sejm (il-Parlament) fit-8 ta' Ottubru 2015 u ma kellu ebda kompetenza la sabiex jinterferixxi fl-għażla tal-imħallfin fi ħdan dik il-qorti li taqa' taħt ir-responsabbiltà tas-Sejm (il-Parlament) u lanqas li jirrifjuta li jieħu l-ġurament ta' dawn it-tliet imħallfin. Għalhekk, dan ir-rifjut tal-President tar-Repubblika tal-Polonja li jieħu l-ġurament tat-tliet imħallfin eletti fit-8 ta' Ottubru 2015 u l-aċċettazzjoni tiegħu li jieħu l-ġurament tat-tliet imħallfin eletti fit-2 ta' Diċembru 2015 kienu wkoll kuntrarji

għar-regoli nazzjonali fundamentali li jirregolaw il-ħatra tal-imħallfin fit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) (ara, f'dan is-sens, il-Qorti EDB, 7 ta' Mejju 2021, Xero Flor w Polsce sp. z o.o. vs Il-Polonja, CE:ECHR:2021:0507JUD000490718, punti 269, 270 u 278).

272 Huwa b'mod partikolari fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li n-nuqqas ta' osservanza mill-korpi leġiżlattivi u eżekuttivi Pollakki tas-sentenzi tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) tat-3 u tad-9 ta' Diċembru 2015 dwar il-validità tal-elezzjoni tal-imħallfin ta' dik il-qorti kien ippreġudika l-għan tar-rekwiżit dwar il-"qorti stabbilita minn qabel bil-liġi" li tiġi protetta l-ġudikatura minn influwenza esterna illegali u li l-elezzjoni ta' tliet imħallfin fit-2 ta' Diċembru 2015 kienet ivvizzjata b'irregolaritajiet serji li jiksru l-essenza stess tad-dritt għal "tribunal […] mwaqqaf b'liġi" previst fl-Artikolu 6 tal-KEDB (ara, f'dan is-sens, il-Qorti EDB, 7 ta' Mejju 2021, Xero Flor w Polsce sp. z o.o. vs Il-Polonja, CE:ECHR:2021:0507JUD000490718, punti 281, 289 u 290, u l-Qorti EDB, 15 ta' Marzu 2022, Grzęda vs Il-Polonja, CE:ECHR:2022:0315JUD00435721, punt 277).

273 Għalhekk, u bħall-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-elementi fattwali u legali deskritti fil-punti 50 sa 56 u 59 ta' din is-sentenza jwasslu għall-konklużjoni li l-ħatra ta' H.C., ta' L.M. u ta' M.M. kif ukoll it-teħid tal-kariga ta' dawn tal-aħħar seħħew bi ksur manifest tar-regoli fundamentali dwar il-proċedura ta' ħatra tal-imħallfin tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) li jagħmlu parti integrali mill-istabbiliment u mill-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja Pollakka, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 268 ta' din is-sentenza.

274 Dawn l-elementi jwasslu wkoll għall-konklużjoni li l-kundizzjonijiet li fihom saru l-ħatra u t-teħid tal-kariga ta' H.C., ta' L.M. u ta' M.M. jikkaratterizzaw ksur tar-rekwiżiti li jirriżultaw mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, sa fejn ipperikolaw l-integrità tar-riżultat li wassal għalih il-proċess ta' ħatra billi kkontribwixxa sabiex joħloq, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, dubji leġittimi dwar l-impermeabbiltà ta' dawn l-imħallfin fir-rigward ta' elementi esterni, għan-newtralità tagħhom fir-rigward tal-interessi inkwistjoni quddiemhom kif ukoll għall-indipendenza u għall-imparzjalità tagħhom, peress li dawn id-dubji jistgħu jippreġudikaw il-fiduċja li l-ġustizzja għandha tispira fil-partijiet fil-kawża f'soċjetà demokratika u fi Stat tad-dritt.

275 Ċertament, huwa stabbilit li, fid-data tal-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata, li hija d-data ta' riferiment għall-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, fost it-tliet imħallfin eletti fit-2 ta' Diċembru 2015 waqt it-tmien leġiżlatura tas-Sejm (il-Parlament), kien biss M.M. li kien għadu jokkupa l-funzjonijiet ta' mħallef fit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali). Madankollu, huwa stabbilit wkoll li, f'din id-data ta' riferiment, it-tliet imħallfin eletti legalment fit-8 ta' Ottubru 2015 waqt is-seba' leġiżlatura tas-Sejm (il-Parlament) ma kinux ħadu l-ġurament quddiem il-President tar-Repubblika tal-Polonja u għalhekk ma setgħux jieħdu l-kariga tagħhom ta' mħallef fit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali). Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet li fihom ipparteċipaw it-tliet imħallfin eletti fit-2 ta' Diċembru 2015 komplew, fl-imsemmija data ta' riferiment, jeżistu fl-ordinament ġuridiku Pollakk.

276 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li r-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE peress li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi, minħabba irregolaritajiet li vvizzjaw il-proċeduri ta' ħatra ta' tlieta mill-membri tagħha fix-xahar ta' Diċembru 2015.

277 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-ewwel parti tat-tielet ilment tal-Kummissjoni għandha tintlaqa'.

– *Fuq it-tieni parti tat-tielet ilment*

278 Huwa stabbilit li l-President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) għandu rwol fundamentali fil-funzjonament ta' dik il-qorti. Fil-fatt, skont ir-Regoli ta' din tal-aħħar, huwa jiddeċiedi dwar il-proċedura interna relatata mar-rikorsi, il-kwistjonijiet legali u r-rikorsi kostituzzjonali, u jaħtar il-kulleġġi ġudikanti, il-presidenti ta' dawn il-kulleġġi ġudikanti kif ukoll l-imħallfin relaturi. Barra minn hekk, huwa jmexxi x-xogħol tal-imsemmija qorti, jirrappreżentaha u jeżerċita funzjonijiet oħra previsti mil-liġi.

279 Peress li l-persuna li tokkupa l-kariga ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) tista' għalhekk teżerċita influwenza ċerta fuq l-attività ta' dik il-qorti, huwa partikolarment importanti li hija taġixxi, waqt l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha, b'mod oġġettiv u imparzjali u li tkun, għal dan l-għan, ħielsa minn kull influwenza esterna li tista' tipperikola l-indipendenza tagħha. Għal dan l-għan, huwa neċessarju b'mod partikolari li r-regoli li jirregolaw il-proċedura ta' ħatra għal din il-pożizzjoni jitfasslu b'mod li ma jkunu jistgħu jqajmu ebda dubju leġittimu dwar l-użu tal-prerogattivi u tal-funzjonijiet tal-president bħala strument ta' influwenza fuq l-attività ġudizzjarja tal-imsemmija qorti jew inkella ta' kontroll politiku ta' din l-attività u, b'mod iktar ġenerali, fir-rigward tal-impermeabbiltà tal-istess qorti fir-rigward ta' elementi esterni u tan-newtralità tagħha fir-rigward tal-interessi inkwistjoni quddiemha, kif teżiġi l-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 263 u 264 ta' din is-sentenza.

280 Barra minn hekk, konformement ma' dak li ġie kkonstatat fil-punti 266 sa 269 ta' din is-sentenza, ir-rekwiżit dwar il-"qorti […] stabbilita minn qabel bil-liġi" u dak ta' indipendenza jinkludu l-proċess ta' ħatra tal-President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) u jeħtieġu li r-regoli fundamentali dwar il-proċedura li tirregola l-ħatra tiegħu jiġu osservati.

281 F'dan ir-rigward, huwa stabbilit li r-regola li tinsab fl-Artikolu 194(2) tal-Kostituzzjoni Pollakka, li għandha titqies li hija regola fundamentali tal-proċedura ta' ħatra fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 268 ta' din is-sentenza, teżiġi, konformement mal-ġurisprudenza tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) imsemmija fil-punt 256 ta' din is-sentenza, li l-kandidati ppreżentati lill-President tar-Repubblika tal-Polonja għall-pożizzjoni ta' President ta' dik il-qorti jkunu ġew eletti mill-assemblea ġenerali. Din ir-regola, kif interpretata mill-imsemmija qorti, tfisser li l-preżentazzjoni ta' kandidat li jkun irċieva vot wieħed biss jew anki kandidati proposti minn gruppi minoritarji jew minn ċerti mħallfin biss tmur kontra l-Kostituzzjoni Pollakka.

282 Issa, il-proċedura ta' elezzjoni tal-kandidati għall-pożizzjoni ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) bl-għan tal-preżentazzjoni tagħhom lill-President tar-Repubblika tal-Polonja twettqet b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżitorji previsti mil-Liġi li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet Introduttivi li ġiet adottata mil-leġiżlatur Pollakk fit-13 ta' Diċembru 2016, jiġifieri qabel l-iskadenza, fid-19 ta' Diċembru 2016, tal-mandat tal-President ta' dik il-qorti li kien għalhekk fil-funzjoni, u li emendat b'mod fundamentali l-iżvolġiment ta' din il-proċedura.

283 Għalhekk, il-Liġi li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet Introduttivi tipprevedi, fl-Artikolu 18 tagħha, li l-President tar-Repubblika tal-Polonja jista' jafda l-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) lil imħallef ta' dik il-qorti u, fl-Artikolu 20 tagħha, li l-proċedura ta' preżentazzjoni lill-President tar-Repubblika tal-Polonja tal-kandidati

għall-pożizzjoni ta' President tal-imsemmija qorti titmexxa mill-"imħallef li jaġixxi bħala president" tagħha. Issa, ir-regoli preċedenti li jinsabu fl-Artikolu 16(4) tal-Liġi tat-22 ta' Lulju 2016 dwar il-Qorti Kostituzzjonali kienu jipprevedu li s-sessjoni tal-assemblea ġenerali ddedikata għall-elezzjoni tal-kandidati għall-pożizzjoni ta' President jew ta' Viċi President kellha tkun ippreseduta mill-imħallef l-iktar anzjan li jipparteċipa fl-assemblea ġenerali.

284 Barra minn hekk, l-Artikolu 21 tal-Liġi li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet Introduttivi jistabbilixxi, fil-paragrafu 7 tiegħu, li l-assemblea ġenerali għandha tippreżenta bħala kandidati għall-pożizzjoni ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) l-imħallfin ta' dik il-qorti li jkunu kisbu mill-inqas ħames voti waqt il-vot, u jżid, fil-paragrafu 8 tiegħu, li, jekk dan in-numru ta' voti meħtieġ ikun inkiseb biss minn imħallef wieħed, l-assemblea ġenerali għandha tippreżenta bħala kandidati lill-imħallef li kiseb in-numru meħtieġ ta' minimu ta' ħames voti u l-imħallef li kiseb l-ikbar appoġġ fost l-imħallfin li ma laħqux in-numru meħtieġ ta' mill-inqas ħames voti.

285 F'dan il-każ, fl-20 ta' Diċembru 2016, jiġifieri l-għada tal-irtirar tal-President preċedenti tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), il-President tar-Repubblika tal-Polonja, konformement mal-Artikolu 18 tal-Liġi li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet Introduttivi, ħatar lil J.P. fil-pożizzjoni hekk maħluqa bħala "imħallef li jaġixxi bħala President" ta' dik il-qorti, meta Viċi President kien fil-kariga. Ukoll fl-20 ta' Diċembru 2016, J.P., li kienet awtorizzat it-tliet imħallfin eletti fit-2 ta' Diċembru 2015 bi ksur manifest tal-Artikolu 194(1) tal-Kostituzzjoni Pollakka sabiex iservu bħala membri, sejħet, għall-istess jum, laqgħa tal-assemblea ġenerali fid-dawl tal-elezzjoni tal-kandidati għall-pożizzjoni ta' President ta' dik il-qorti li għandhom jiġi ppreżentati lill-President tar-Repubblika tal-Polonja, kif jawtorizzaha tagħmel l-Artikolu 20 ta' din il-liġi.

286 Wieħed mill-imħallfin tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), talab, minħabba fit-terminu qasir ta' konvokazzjoni, li l-laqgħa tkun posposta sabiex l-imħallfin kollha jattendu għaliha. J.P., li kellha, skont l-Artikolu 20 tal-Liġi li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet Introduttivi, xahar sabiex tmexxi l-proċedura ta' elezzjoni, madankollu rrifjutat li tilqa' din it-talba. Minħabba f'hekk, mill-erbatax-il imħallef tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) li kienu preżenti fil-laqgħa tal-assemblea ġenerali, sitt imħallfin biss, fosthom H.C., L.M. u M.M. li kienu ġew eletti mis-Sejm (il-Parlament) fit-2 ta' Diċembru 2015, aċċettaw li jipparteċipaw fil-votazzjoni. Wara l-votazzjoni, J.P. kisbet ħames voti u M.M. ingħata vot wieħed. Dawn iż-żewġ imħallfin imbagħad ġew ippreżentati lill-President tar-Repubblika tal-Polonja bħala kandidati għall-pożizzjoni ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali). Fil-21 ta' Diċembru 2016, J.P., li kienet kisbet biss ħames voti minn fost l-erbatax-il imħallef preżenti waqt l-assemblea ġenerali, inħatret fil-pożizzjoni ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) mill-President tar-Repubblika tal-Polonja.

287 Huwa minnu li l-preżentazzjoni ta' J.P. u ta' M.M. lill-President tar-Repubblika tal-Polonja bħala kandidati għall-pożizzjoni ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) tista' tidher li saret konformement mal-Artikolu 21(7) u (8) tal-Liġi li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet Introduttivi.

288 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li H.C., L.M. u M.M., li kienu ġew eletti fit-2 ta' Diċembru 2015, kienu fost is-sitt imħallfin li pparteċipaw, matul l-assemblea ġenerali tal-20 ta' Diċembru 2016, fl-elezzjoni tal-kandidati għall-pożizzjoni ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali). Issa, il-fatt li l-elezzjoni ta' dawn it-tliet imħallfin kienet ivvizzjata bi ksur manifest tal-Artikolu 194(1) tal-Kostituzzjoni Pollakka u bi ksur tar-rekwiżiti li jirriżultaw

mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kien ta' natura li jirrendi irregolari l-parteċipazzjoni tagħhom fl-assemblea ġenerali kif ukoll il-voti li huma taw bl-għan tal-għażla tal-kandidati għall-pożizzjoni ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali). Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li J.P. ma tistax titqies li kisbet b'mod regolari l-ħames voti meħtieġa mill-Artikolu 21(8) tal-Liġi li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet Introduttivi.

289 Għalhekk jidher li l-preżentazzjoni ta' J.P. u ta' M.M. lill-President tar-Repubblika tal-Polonja bħala kandidati għall-pożizzjoni ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) kif ukoll il-ħatra ta' J.P. f'din il-pożizzjoni minn dan tal-aħħar seħħew bi ksur tar-regola fundamentali dwar il-proċedura ta' ħatra ta' dan il-President, prevista fl-Artikolu 21(8) tal-Liġi li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet Introduttivi.

290 Barra minn hekk u fuq kollox, il-ħatra ta' J.P. seħħet bi ksur manifest tal-Artikolu 194(2) tal-Kostituzzjoni Pollakka, peress li din id-dispożizzjoni fil-fatt tostakola, konformement ma' dak li ġie kkonstatat fil-punt 281 ta' din is-sentenza, il-preżentazzjoni lill-President tar-Repubblika tal-Polonja ta' kandidati proposti minn gruppi minoritarji jew minn ċerti mħallfin biss.

291 Għaldaqstant, l-irregolaritajiet imsemmija fiż-żewġ punti preċedenti jistgħu jqajmu dubju leġittimu, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, dwar l-użu minn J.P. tal-prerogattivi u tal-funzjonijiet marbuta mal-funzjoni ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) bħala strument ta' influwenza fuq l-attività ġudizzjarja ta' dik il-qorti jew inkella ta' kontroll politiku ta' din l-attività u, għaldaqstant, dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-imsemmija qorti.

292 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma huwiex neċessarju li jiġi eżaminat jekk id-dispożizzjonijiet tranżitorji previsti fil-Liġi li Tistabbilixxi Dispożizzjonijiet Introduttivi u li abbażi tagħhom tmexxiet il-proċedura ta' elezzjoni tal-kandidati għall-pożizzjoni ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) kif ukoll iċ-ċirkustanzi l-oħra msemmija fil-punti 285 u 286 ta' din is-sentenza relatati ma' din il-proċedura jissodisfawx, min-naħa tagħhom, ir-rekwiżiti msemmija fil-punti 263 u 264 ta' din is-sentenza.

293 Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat li, fid-data tal-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata, J.P. kienet għadha tokkupa l-kariga ta' President tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali). Barra minn hekk, huwa stabbilit li d-deċiżjonijiet li hija pparteċipat fl-adozzjoni tagħhom baqgħu jeżistu, sa din id-data, fl-ordinament ġuridiku Pollakk.

294 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li r-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE peress li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi, minħabba irregolaritajiet li vvizzjaw il-proċedura ta' ħatra tal-President tagħha fix-xahar ta' Diċembru 2016.

295 Minn dan isegwi li t-tieni parti tat-tielet ilment tal-Kummissjoni hija wkoll fondata u li dan l-ilment għandu, konsegwentement, jintlaqa' fit-totalità tiegħu.

296 Fid-dawl ta' dawn il-motivi kollha kemm huma, għandu jiġi kkonstatat li:

– fid-dawl tal-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni Pollakka mogħtija mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fis-sentenzi tagħha tal-14 ta' Lulju 2021 (Kawża P 7/20) u tas-7 ta' Ottubru 2021 (Kawża K 3/21), ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE;

– fid-dawl tal-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni Pollakka mogħtija mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fis-sentenzi tagħha tal-14 ta' Lulju 2021 (Kawża P 7/20) u tas-7 ta' Ottubru 2021 (Kawża K 3/21), ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt il-prinċipji ta' awtonomija, ta' supremazija, ta' effettività u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll taħt il-prinċipju ta' effett vinkolanti tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, u

– li peress li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi, minħabba irregolaritajiet li vvizzjaw il-proċeduri għall-ħatra ta' tlieta mill-membri tagħha fix-xahar ta' Diċembru 2015 u tal-Presidenta tagħha fix-xahar ta' Diċembru 2016, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

Fuq l-ispejjeż

297 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-Kummissjoni talbet li r-Repubblika tal-Polonja tiġi kkundannata għall-ispejjeż u peress li din tal-aħħar essenzjalment tilfet dan ir-rikors, hemm lok li tiġi kkundannata minbarra għall-ispejjeż tagħha stess, għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni.

298 Konformement mal-Artikolu 140(1) tar-Regoli tal-Proċedura, ir-Renju tal-Belġju u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) – Fid-dawl tal-interpretazzjoni tal-Konstytucja Rzeczypospolitej Polskiej (il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja) mogħtija mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Polonja) fis-sentenzi tagħha tal-14 ta' Lulju 2021 (Kawża P 7/20) u tas-7 ta' Ottubru 2021 (Kawża K 3/21), ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE;

– fid-dawl tal-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja mogħtija mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) fis-sentenzi tagħha tal-14 ta' Lulju 2021 (Kawża P 7/20) u tas-7 ta' Ottubru 2021 (Kawża K 3/21), ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt il-prinċipji ta' awtonomija, ta' supremazija, ta' effettività u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll taħt il-prinċipju ta' effett vinkolanti tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, u

– peress li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali) ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi, minħabba irregolaritajiet li vvizzjaw il-proċeduri għall-ħatra ta' tlieta mill-membri tagħha fix-xahar ta' Diċembru 2015 u tal-Presidenta tagħha fix-xahar ta' Diċembru 2016, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

2) Ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

3) Ir-Renju tal-Belġju u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Firem